
MONS SION IN JERUSAL



Il-Qabar
Ta' Sidna Ġesù Kristu
Kif inhu l-lum
F'nofs ir-Rotunda
Mibnija mill-Imperatur
Kostantinu

Id-Disa' Sena | OTTUBRU - DIĊEMBRU, 1963 | Għadd 4

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes."*

# LEĦEN
# L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." Valletta.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA

Id-Disa' Sena — OTTUBRU - DIĊEMBRU, 1963 — Għadd 4


## X'FIH DAN IL-GĦADD


Kyrie Eleison, Mulej, Ħniena! (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... 97

Is-Sinagogi tal-Lhud (P.P. Saydon) ... ... ... ... ... ... ... 98

Dawra mal-Art Imqaddsa (Dun Karm Sant) ... ... ... ... ... 100

Disa' Xhur fis-Salt (Elsie) ... ... ... ... ... ... ... ... 103

Il-Qima tal-Mejtin f'Ċipru (P. Ubertinu Berti, O.F.M.) ... ... ... ... 107

Ħrejjef tal-Patrijiet (Fra. Rizzerio T.ozzo O.F.M.) ... ... ... ... 109

Bi Ħsiebek tagħmel Presepju? (Jusef Da'ud Imbarak) ... ... ... ... 111

Is-Sorijiet Maltin li hemm Nazaret (Hanna l-Malti) ... ... ... ... 114

Is-Seba' Tarġiet tas-Sema (P. Bellarminu Bagatti, O.F.M.) ... ... ... 116

Iż-Żwieġ fi żmien il-Bibbja (P. Federiku Raurell O.F.M. Cap.) ... ... ... 119

San Maron (P. Ewġenju Hoade, O.F.M.) ... ... ... ... ... ... 122

Il-Knisja Qopta Ortodossa (K D.M.) ... ... ... ... ... ... ... 125

Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... ... ... 127


---


*Direzzjoni*: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni*: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# KYRIE, ELEISON! MULEJ, HNIENA!

*Qatt mort smajt quddiesa tal-qassisîn Ortodossi? Kieku mort, l-aktar li kont târa duħħân ta' bħûr, tiela' minn mabħriet tal-fidda bil-ġlieġel, imxejjra dâli 'l hawn u 'l hemm; u l-aktar li kont tisma' t-talba, qadîma u qasîra, imtennija għadd kbir ta' drâbi: Kyrie Eleison; Kyrie, Eleison! Kyrie Eleison li bil-Mâlti tfisser: Mulej, Ħniena; Mulej, Ħniena; Mulej Ħniena!*

*Din it-talba, Kyrie, Eleison; Mulej, Ħniena, kienet it-talba l-maħbûba tal-Insâra tal-ewwel iżmna; megħûda bil- lejl u bi nhar, fid-dâr, fil-knisja u kull imkien. Bħal ma Ġesù, fuq l-art, għallem l-isbaħ u l-aqwa talba lill-Ixirka tiegħu, it-talba tal-Missierna, hekk ukoll l-Insâra, l-egħliema ta' Ġesù, ħarġu minn moħhom u minn qalbhom l-isbaħ u l-aħjar talba li setgħu jaħsbu, Kyrie, Eleison; Mulej, Ħniena, li kienet taqbel mal-qagħda tal-ħâl tagħhom fuq l-art.*

*Għaliex l-ewwel Insâra, dawk li san Pawl kien isejjħilhom "Qaddisîn" (Ittra lir-Rumin, I, 7, etc.) u "Għemajjar ta' ruħ il-Qodos" (I Korintin, VI, 19) ħatru minn rajhom it-talba għal ħniena? Għaliex ma talbux 'l Alla, Sid ta' kollox, li jagħtihom deheb u fidda, ġmiel u saħħa, għerf u miel? Għaliex talbu minn għandu biss il-ħniena, bħal min ikun sa jegħreq, u jitlob lil xi ħadd li jiġbdu 'l fuq u jeħelsu mill-mewt?*

*Għax l-imsejken Bin Adam, ebda jedd m'għandu m'Alla ħlief il-jedd li jitlob il-ħniena. Jitwieled bid-dnûb tan-nisel, li ħtija tiegħu, hekk kif jibda jikber u jifhem xi ħâġa, jibda wkoll iħoss fih il-għira u l-mibgħeda. Miġbud għad-dnub minn naħa, u mitfugħ għad-dnub minn l-oħra, li jekk ma tkunx il-ħniena t'Alla li tgħinu u żżommu, m'hux għajr jitfixkel u jaqa'. Aktar ma jikber aktar jiżdied id-dejn tiegħu m'Alla, u aktar jeħtieġ il-ħniena minn għandu, għal maħfra tad-dnubiet tal-imgħoddi, u għal ħarsien minnhom għal li ġej. Mela, tas-sew qegħda tajjeb u taqbel ma'ħâl Bin Adam f'din il-ħajja t-talba tal-Insâra ewlenija: Kyrie, Eleison: Mulej, Ħniena!*

*U d-Dîn Nisrâni, minnu n-nifsu huwa d-Din tal-midinbîn niedma, għal hekk jeħtieġu l-ħniena, biex Alla ma jagħmelx ħaqq minnhom. Ġesù stqarr aktar minn darba li hu ġie fid-dinja għal midinbîn, biex ibiddlu ħajjithom: "Jien ma ġejtx ngħajjat lit-tajbîn, imma 'l ħżiena, biex jagħmlu t-tewba" (Matt. IX, 12; Mark, II, 17; Luqa, V, 31-32) "Jien ġejt fid-dinja biex niġbor dak li kien qiegħed jirtema" (Matt. XVIII, 11; Luqa XIX, 10). "Morru fittxu n-nagħaġ il-mitlufa!" (Matt. X, 6). U tlieta, mis-sitt talbiet tal-Missierna, li għallem Ġesù n-nifsu, huma talbiet għal ħniena: Ħenn għalina, u "Agħtîna ħobżna... u aħfrilna dnubietna... u ddaħħalniex fit-tiġrîb! "(Matt. VI, 11, 12. 13; Luqa, XI,2,3).*

*Għal hekk, biex tikkwalifika għal Nisrâni, ma tridx tkun Farisew, imkabbar bi qdusitek, imma trîd tkûn midneb niedem, li qiegħed tagħmel it-tewba; trid tkun wieħed li titlob dâli l-ħniena t'Alla, biex jaħfirlek, u ma jitlobx minnek dak id-dejn li għandek miegħu, li ma' tistax troddlu. Jekk, mela, int Nisrâni, idra int ukoll, bħall-Insâra ewlenija, tenni, kull meta tista', b'fommok jew b'qalbek, id-dâr, il-knisja, barra kull imkien: Kyrie, Eleison; Kyrie, Eleison; Mulej, Ħniena; Mulej, Ħniena!*

*ID-DIREZZJONI.*

# IS-SINAGOGI TAL-LHUD

Il-kelma *Sinagoga*, hi kelma ta' nisel Grieg u bħall-kelma Griega-Latina *Ecclesia* tfisser 'ġemgħa ta' nies'. Iżda bħalma l-kelma *Ecclesia* -*Knisja* tfisser mhux biss 'ġemgħa ta' nies' imma wkoll 'il-post fejn jinġemgħu', hekk ukoll ġara lill-kelma *sinagoga*, li illum tfisser 'il-post fejn jiltaqgħu l-Lhud għas-servizz reliġjuż tagħhom'.

Il-kelma *sinagoga* bit-tifsira li għandha illum naqrawha bosta drabi fil-l-ebda xhieda. Aktar jista' jkun li huma ġejjin minn żmien l-eżilju, meta l-Lhud imbegħdin minn arthom u bla tempju ħassew il-bżonn li jiltaqgħu f'xi post għat-talb u għat-tagħlim tal-liġi. Hu x i n h u l-bidu tas-sinagogi hu qadim ħafna u jasal sa qabel Kristu, tant li S. Ġakbu l-Appostlu ftit snin wara l-mewt ta' Kristu seta jgħid li l-kotba ta' Mosè kienu sa minn żmenijiet qodma jinqraw fis-sinagogi (Atti 15, 21).



*Kafar-nahum. Kif kienet is-Sinagoga tal-Lhud tas-Seklu III; minn barra*

Vanġelu. Kristu darba daħal f'sinagoga u fejjaq wieħed li kellu driegħu iebes ma jitħarrekx (Matt., 12, 9). Kristu kien idur fil-Galilija u j g ħ a l l e m fis-Sinagogi (Mat. 4, 23; 9, 35; 13, 54; Mk. 1, 21; 3, 1 u oħrajn). Fis-sinagoga ta' K a f a r - nahum Kristu wiegħed lilu nnifsu bħala ħobż tal-ħajja (Ġn. 6, 60).

Meta u kif bdew is-sinagogi ma nistgħux ngħidu sewwa. Li huma ġejjin minn żmien Mosè mhemm Għalhekk jidhrilna li joqrob lejn issewwa min jaħseb li s-sinagogi twieldu fi żmien l-eżilju xi 500 sena qabel Kristu.

*Il-bini tas-sinagogi.* Kif k i e n u mibnijin is-sinagogi? Dan n a f u h mill-fdalijiet mikxufin l-aktar dawn l-aħħar snin fil-Palestina u kull fejn kien hemm il-Lhud. Minn dawn il-fdalijiet jidher li s-Sinagoga kienet sala kbira xi 80 pied twila u 60 wiesgħa; bosta drabi inqas. Magħ-

ha kien hemm bini ieħor: bitħa li fiha kien ikun hemm l-ilma għall-ħasil tal-idejn; kamra għan-nisa; kamra għat-tagħlim tat-tfal j e w skola; kamra għall-barranin li jinżertaw f'xi belt u ma jkollhomx fejn joqogħdu. Mal-ħitan tas-sala l-kbira, minn ġewwa kien hemm bankijiet tal-ħaġar biex joqogħdu bil-qiegħda fuqhom. F'ġenb wieħed kien hemm bħal armarju jew niċċa fejn jinżammu l-Kotba Mqaddsa m g ħ o t t i-j i n b'purtiera u mkebbin ġo biċċa għażel. Fin-nofs hemm il-p u l p t u b'leġiju għall-ktieb imqaddes. Il-huma prova li s-sinagoga mibnija wara Kristu, għax fi żmien Kristu kienu kontra l-liġi.

*Ministri tas-sinagoga.* Kull sinagoga kellha r-rajjes jew kap tagħha. Jajrus, li Kristu qajjimlu 'l bintu mill-mewt, kien kap tas-sinagoga (Mk. 5, 35) Darba wieħed kap ta' sinagoga ċanfar il-poplu għax kienu jġibu l-morda biex Kristu jfejjaqhom nhar ta' Sibt (Lq. 13, 14). Miegħu kien hemm il-Kunsill magħmul minn irġiel imdaħħlin fiż-żmien, u għalhekk imsejjħin *xjuħ*, u magħrufin għall-għerf u t-tjieba tagħhom. Huma



*Kafar-Nahum — Kif Kienet is-Sinagoga tal-Lhud tas-Seklu III; minn ġewwa*

bieb il-kbir tas-sinagoga kien ikun fil-ħajt li jħares lejn Ġerusalem. Is-sala l-kbira kienet tkun maqsuma fi tlieta bħal knejjes tagħna, l-korsija għar-rġiel, u ż-żewġ navati fil-ġnub għan-nisa. Din kienet aktarx il-għamla tal-bini tas-sinagogi, għalkemm mhux kollha kellhom l-istess qjies u l-istess pjanta. Xi drabi l-bini kien ikun imżejjen b'ħafna tinqix u pittura. L-isbaħ pitturi jinsabu fis-sinagoga ta' Dura-Europos mibnija f'nofs is-seklu 3 u li l-pitturi tagħha jiksu 100 metru kwadru mill-ħitan. Dawn il-pitturi kellhom jagħtu sentenza għal dawk li jiksru l-liġi u jkun ħaqqhom kastig. Wieħed kellu l-uffiċju li jgħid it-talb. Ieħor, li nistgħu ngħidulu *l-lettur*, kien ifisser bi lsien il-poplu dak li kien jinqara bla ma jiftiehem bil-Lhudi; kien ikun hemm oħrajn biex jiġbru l-flus li kellhom jitqassmu lill-foqra. Fl-aħħar is-seftur jew servjent li kien joħroġ il-Ktieb Imqaddes min-niċċa u jnewwlu lill-qarrej u jerġa jqiegħdu fejn kien, iżomm l-ordni, idoqq it-t r o m b a , isawwtu l-ħatjin.

*Servizz.* Sagrifiċċi ma kenux jis-

tgħu jsiru barra mit-tempju; għalhekk meta spiċċa t-tempju spiċċaw ukoll is-sargifiċċi, u s-sinagogi kienu jservu biss għat-talb u għat-tagħlim.

Il-Lhud kienu obbligati jmorru s-sinagoga nhar ta' Sibt (il-Ħadd) u fil-festi. Ġranet oħra kien f'idejhom li jmorru jew ma jmorrux. Is-servizz kien jibda bit-talb *Xema* (*Isma*, Israel) magħmula minn Dewt. 6, 4-9; Dewt. 11, 13-21 u Num. 15, 37-41. Imbagħad kienu jingħadu ix-*xemone esre* jew tmintax-il barka, talba magħmula minn tmintax-il talba żgħira. Wara, l-qari tal-Kotba Mqaddsa. Il-ktieb tal-Liġi kien imqassam f'154 qasma u kien jinqara fi żmien tliet snin, qasma kull nhar ta' Sibt. Wara l-Liġi kienet tinqara biċċa mill-profeti matul dan iż-żmien kollu. Billi l-poplu ma kienx jifhem aktar il-lingwa tal-Kotba Mqaddsa, kien ikun hemm wieħed li jfisser dak li jinqara bil-Lhudi, vers vers. Imbagħad kien isir diskors qasir li jħeġġeġ 'il dawk li jkunu presenti biex iħarsu dejjem il-Liġi. Imbagħad talba oħra u fl-aħħar tingħata l-barka kif tinqara f'Num. 6, 24-26. Jekk ikun hemm qassis, jaqraha hu t-talba, jekk ma jkunx hemm, igħiduha l-koll flimkien, u jgħidu "aħna" flok "intom".

L-importanza tas-sinagogi fil-ħajja tal-Lhud hi bla qjies. Il-Lhudi Filone kiteb: "Xinhuma s-sinagogi ħlief skejjel ta' prudenza, qawwa, għerf, ġustizja, tjieba, qdusija u ta' kull virtu?" Fl-ewwel snin wara Kristu s-sinagogi servew ħafna għat-tixrid tal-fidi f'Alla wieħed fost il-pagani. Bihom kien jinqeda S. Pawl biex iwassal l-aħbar it-tajba tal-Vanġelu lil-Lhud, u minnhom ħarġu l-ewwel konversjonijiet tal-Lhud għall-fidi ta' Kristu. Illum kull fejn hemm il-Lhud għandek issib is-sinagoga. Min ma jafx biha s-sinagoga tal-Lhud ta' Ruma, dak il-bini sabiħ ħdejn ix-xmara Tevere? Imqar hawn Malta l-Lhud għandhom is-sinagoga tagħhom il-Belt, bini żgħir li bil-kemm jingħaraf minn bini ieħor. Jalla s-sinagogi jibqgħu jservu dejjem biex iżommu ħajja fost il-Lhud il-fidi f'Alla Wieħed, l-ispirtu reliġjus tal-Liġi u jħejju l-Lhud biex jilqgħu l-kelma ta' Kristu li hi biss tista tifthilhom il-bieb tas-salvazzjoni.

P.P. SAYDON.

# DAWRA MAL-ART IMQADDSA

(*Jorbot mal-aħħar Għadd*)

*Ġebel Katrin.* Il-għada fil-għodu ltqajna grupp biex nerħulha lejn Ġebel Katrin, fejn l-Anġli ħallew il-ġisem ta' santa Katarina, kif tgħid it-tradizzjoni. Qomna bikri, mal-4,30; qaddisna, u trejjaqna b'biċċa ħobż u kafè, u tlaqna bil-karozza.

Għaddejna minn wesgħa k b i r a bejn il-muntanji, waħda minnhom Ġebel Safsaf, li kif jgħidu xi studjużi tal-lum, taħbat il-Muntanja tal-Liġi. Naturalment, il-Patrijiet Griegi jżommu jiebes li l-ġrajja ġrat fuq Ġebel Musa, kif tgħid it-tradizzjoni qadima, minn żmien l-ewwel snin tal-knisja mqaddsa — ilwejna lejn ix-xellug, u sibna ruħna f'tarf ta' wied, bejn żewġt iġbla, li jwaħħxuk bil-għoli tagħhom, u blathom, iswed faħma. Imma fl-istess ħin, dehra ta' ġmiel u kobor liema bħalhom.

Hawn sibna l-Għarab jistennewna bl-iġmla, ħalli jwassluna rekbin fuq il-Ġebel ta' santa Katarina. Inqsam-

na f'żewġ gruppi: tlieta u tlieta, grupp jimxi u grupp jirkeb. Jiena messni mat-tieni grupp, li kellu jibda jimxi, u mbagħad, f'nofs triq jirkeb. Il-mixja twila, imma t-telgħa kellha medda ġmielha, għal hekk ma tgħajjikx. Aktar ma bdejna nersqu lejn il-Ġebel, aktar il-wied beda jidlam, jiswied, u jidwi mal-iċken ħoss. Dan il-blat, fejn kien blù jagħti fil-griż, u fejn kien iswed għal kollox; kull tant jitfi fir-roża ħamrâni. Imxejna b'pass meqjus, u bejn kelma u oħra bi ftit ħaxix li jsib bejn blata u oħra tax-xagħri. Dawn il-kwalitajiet jagħmluh bhima ta' għajnuna kbira għal Għarab, biex jiġru min-naħa għalloħra tad-deżert. Bis-saħħa tiegħu jistgħu jivvjaġġaw għal jiem u ġimgħat sħaħ bla waqfien. U barra milli l-ġemel jaqdihom għas-safar, il-Għarab isibu fih ħażna ta' laħam u ħalib.

Issa kellna aħna wkoll nirkbu fuq ġemel! Il-Għarbi għajjat għajta, u l-iġmla, daqs kemm kieku kien għaf-



*Sinaj (l-Eġittu). L-iġbla li fuqhom jinsab il-Monasteru ta' Santa Katarina. Quddiem jidher ftit mid-deżert tar-ramel u 'l hawn u 'l hemm xi għolliqa*

t-triq ma rajnihiex. Ħlief leħenna, u l-għajta tal-Għarab biex isuqu l-iġmla, ma kontx tisma'.

F'nofs it-triq, bdilna. Sħabna ta' fuq l-iġmla, niżlu, biex tlajna nirkbu aħna. Qatt ma kont irkibt fuq ġemel, anqas biss kont rajtu ħlief fiż-Zoo u fl-istampi. Il-ġemel hu annimal tad-deżert, għandu sabar bla tmiem. Jaħmel il-għatx u jgħaddi silhom molla, it-tlieta niżlu fl-art, fuq riġlejhom milwijja taħt żaqqhom. Kull wieħed minna tala, bilqegħda fuq il-ħotba tal-ġemel li kien imissu; u f'daqqa waħda, hemm arana! Maqtugħin mill-art, fuq dahar il-ġemel! Tħossok qiegħed fuq tronn; u ta' bil-ħaqq: il-ġemel, filmixja meqjusa, b'pass meqjus wara l-ieħor, bil-lajma l-lajma, bla ġiri

xej, b'rasu merfugħa u geddumu ppuntat 'il fuq, tistħajlu s-sultan taxxagħri. U m'hux ta' b'xej; għax li ma kienx hu, kieku ftit u xej nafu fuq dawk l-inħawi.

Bdejna mexjin. It-triq minn hawn 'il fuq bdiet tieħu xejra oħra. Ħadet is-sura ta' żigżag u djieqet, u bdiet isserrep bejn ħafna qċaċet żgħar, u l-ġemel dejjem miexi dritt. Malli jintebaħ b'xi għolliqa ħadra, taraħ jieqaf, jieħu n-nifs, ijniżżel rasu fl-art, u jiblagħha, bħalli kieku kienet biċċa lbieba tal-ħobż. Aktar ma nogħlew, aktar id-dehra tisbieħ, u titwessa' fix-xefaq, u titbiddel fillewn tal-blat. U hekk bqajna sejrin sa kemm fil-għaxra neqsin kwart, wara xi tlet siegħat mixi, naslu fuq il-quċċata fejn sibna l-Patri jistenniena. Dan, aktar imdorri minna, wasal qabilna. Fetaħ il-kappella ta' santa Katarina li tfakkar il-post fejn kienu sabuha, u daħħalna naraw x'hemm. Kienet xorta waħda bħal knisja ta' fuq Sinaj: kappella żgħira, bl-artal, u xi mużajk 'l hawn u 'l hemm. Għana wisq ma ħawnx hawnekk.

Ġebel Katrin fih żewġ qċaċet, quċċata ftit ogħla mill-oħra. Mill-ogħla waħda, tista' tgħid jidhru l-muntanji ewlenin tal-iġbla ta' Sinaj: Ġebel Musa, Ġebel Safsaf, u sniesel sħaħ ta' iġbla mad-dwar kollha. Il-bogħod il-bogħod, jidhru, fuq naħa l-waħda l-Golf ta' Għaqba u n-naħa l-oħra l-Golf tas-Swejz.

F'nofs inhar kilna biċċa ħobż u rġajna lura. Din id-darba il-Għarab għamlu waħda minn tagħhom u ħallewna weħedna: telqu lura bl-iġmla b'kollox. Kellna bħal ħmir nerħulha 'l isfel bil-mixi. Iżda ma ddejjaqniex wisq; l-ewwel nett għaliex hekk stajna nitgħaxxqu aħjar b'dik id-dehra tal-għaġeb, tal-ħolqien, u t-tieni, għax kif jgħid il-Malti, għanniżla kull qaddis ijgħin. Imxi u ġib lil min jimxi; kelma minn hemm u kelma minn hawn, meta m'hux xi tinbixa wkoll, fl-aħħar w a s a l n a f'qiegħ il-wied, minn triq oħra. Hawn sibna ġnien kollu frott, ħxejjex u palm. Wara mixja f'xemx bħal dik, tħossok inxift għal kollox; u meta ssib ruħek fi ġnejna bħal din, b'vaska ilma frisk fin-nofs, tieħu r-ruħ malajr. Il-Patri kien jistenniena hemm, u l-Għarab ta' malajr ġebulna nixorbu u xi ftit frott. Wara waqfa ta' xi nofs siegħa, jew tliet kwarti, tlaqna, biex naslu l-post fejn kellhom jistennewna l-karozzi fejn kienu ħallewna fil-għodu.

Hawn sibna lix-xufiera jistennew, u magħhom wieħed minn sjied l-iġmla, bil-ġemel. Meta saqsejnieh għaliex kienu telqu, ġieb skuża fuq-fuq u f'daqqa għajjat għajta u tar bilġemel b'kollox. Dawn l-i ġ m l a , daqs kemm għandhom sabar biex jimxu bil-lajma, hekk u xejn anqas jiġru meta jridu huma. F'xi l-ħamsa ta' wara nofs inhar wasalna l-Monasteru, għall-ikla sħiħa u raqda sewwa.

*Lejn il-Kajr.* Fil-għodu r ġ a j n a qomna bikri — fl-erbgħa — u hemm tqum sgur, għax il-qniepen u ċ-ċuqlajta tal-Monasteru jsejħu l-Patrijiet għal kor minn qabel is-sebħ biċċa sewwa.

Għal xi l-ħamsa rkibna l-karozzi u rħejnielha lejn il-Kajr. Biddilna xi ftit it-triq biex għaddejna naraw għadd kbir ta' skrizzjonijiet Nabatej f'Wadi Mukàttab, fis-Sinaj, u għaddejna wkoll mill-Wadi tal-Qeniti. Mat-triq is-sħana u n-nixfa ta' dari. Ix-xemx tħeddlek u d-daqq Għarbi fuq ir-radju tal-karozza jraqqdek ak-

tar. 'L hemm u 'l hawn kont tilmah xi ġemel jew tnejn mgħobbija b'xi nisa, misturin bl-istar tagħhom.

Wasalna l-Kajr fis-7,30 ta' filgħaxija, mifluġin għall-aħħar; iżda b'dana kollu ħadna pjaċir bl-esperjenza l-ġdida, u rajna u messejna b'idejna x'sagrifiċċju t a l a b Alla mill-poplu tiegħu qabel ma daħħlu fl-art imwegħda. U dan kollu, kif ijgħallimna san Pawl, sar b'tixbiha u tagħlima biex nitgħallmu li jekk irridu nirbħu s-saltna tas-sema, imwegħda lil poplu l-ġdid t'Alla, li hu aħna l-Insara, miġbura fil-Knisja tiegħu, irridu wkoll ngħaddu middeżert imwiegħer ta' din il-ħajja kollha ħotob, għolliq u nxief, sa kemm ma nsibux l-Ilma tal-Ħajja fis-sema, l-OASI li ma tintemm qatt, fejn hemm il-Mistrieħ u d-Dawl u l-Faraġ.

DUN KARM SANT.

# DISA' XHUR FIS-SALT

(*Jaqbad mal-għadd 3 u jgħalaq*).

Issa ngħidu xi ħaġa fuq: *It-Talb għax-Xita.*

Fir-rebbiegħa tas-sena 1928, meta jiena kont is-Salt, fuq il-Palestina u t-Transġordanja ftit għamlet xita. Għal hekk ħareġ amar mill-Ħakem ta' Għamman, li f'jum imgħajjen, kull ħadd kellu jitlob għax-xita. It-talb kellu jsir minn kull ħadd fil-knejjes tal-Insara u l-Ġegħmat tal-Misilmîn, u wkoll mir-rġiel u t-tfal subjien filberaħ fuq għolja, fuq ir-riħ tal-wied, li fih hemm il-għejjun tal-ilma ġieri, li jgħidulu l-*Basatin.*

Dik inhar it-tfal inġabru bħal dari fil-bitħa tad-Dejr, imma ma għamilniex skola. Għal xi d-disgħa ta' filgħodu għaddew il-Misilmîn bl-istendard tagħhom tal-ħarir aħdar bilkliem tal-Qoran miktub fuqu, u għadd kbir ta' rġiel u subjien miegħu. Wara naqra tlaqna aħna wkoll; Dun Vergani u Dun Longo quddiem, għadd ta' rġiel Latini, tal-Parroċċa, warajhom, u wara dawn it-tfal subjien taliskola u aħna. Aħna ma kellna xej magħna, għax stendardi fil-knisja Latina ma hemmx, u hemmekk ma tistax toħroġ bis-salib, waqt li l-Misilmîn kellhom l-istendard tagħhom binnofs qamar u l-kliem tal-Qoran. Konna mexjin qajl-qajl u ngħidu r-Rużarju. Tlajna fuq il-għolja u nsibu li hemm kienu sebquna ħafna nies: Griegi Ortodossi bin-nies tal-Paroċċa tagħhom; il-kurât Grieg Kattolku bin-nies tiegħu kien hemm ukoll (kien għiejed jagħmel bħal priedka meta wasalna aħna). Il-Protestanti wkoll kienu hemm; kull xorta ta' nies għalihom. Kien hemm ġemgħa kbira ta' Misilmîn, fosthom kien hemm (qegħdin bil-qegħda fl-art) kemm ildawra ta' rġiel xjuħ, ixejjru rashom u sidirhom il-quddiem, u jgħidu: "*Istaħfer, Alla l-Għazim. Istaħfer, Alla l-Għazim. Istaħfer, Alla l-Għazim,* u ħames ġemgħat żgħar u mdaqqsin tal-Insara: aħna ngħidu r-Rużarju; il-qassis Grieg Kattolku jippriedka, u l-Ortodossi u l-Protestanti jkantaw. Hi x'inhi kienet dehra sabiħa (għad li għajb għall-Insara li jkunu maqsumin f'ħames taqsimiet f'naqra ta' pajjiż, waqt li l-Misilmîn magħqudin għaqda waħda); għax, Misilmîn u Nsara kienu jistqarru b'egħmilhom it-twemmin tagħhom fis-setgħa u l-ħniena t'Alla Wieħed.

U wara ftit tas-sew għamlet ix-

xita !. Ma għamletx ħafna; kemm-kemm jilhqu l-uċuħ, biex jimlew il-qamħ u d-dora u l-għadds u l-kirsenna, u jaslu għal ħsad.

Ħelwa hi l-*Ġrajja ta' Laħħâm, li fi ftit ġranet sar qassis* !

Hawn Malta, biex wieħed iqaddes, jiġifieri jsir Patri jew qassis, irid idum jistudja xi tnaxer sena. Imma fis-Salt, meta kont hemm jien, wieħed raġel miżżewweġ u għandu t-tfal, bil-ħanut tal-laħam, biex sar qassis Grieg-Ortodoss, dam jistudja qisu, minn għoxrin ġurnata sa xahar !.

Filli kien ibiegħ il-laħam, bħal tal-ħwienet l-oħra, u filli ħalla 'l ibnu l-kbir fil-ħanut, ibiegħ, u hu ma deherx aktar. In-nies qalu li kien mar jitgħallem għal qassis, fid-Dejr tal-Ħoġla, ħada x-xmara tal-Ġurdan. Wara ftit jiem, ma nafx kemm sewwa, imma m'hux aktar minn xahar, darba, wara nofs inhar, kif Don Longo u jien konna ħerġin induru dawra, naraw ġemgħa nies weqfin f'tarf it-telgħa li mill-Basatîn tieħu għas-Salt. Saqsejna għal fejn kienu hemm, u qalulna li kienu jistennew il-qassis il-ġdid, dak li qabel kien ibiegħ il-laħam. U ġiet karozza, u n-nies bdew iċapċpu jdejhom, u niżel minnha l-laħħâm, liebes ta' qassis Grieg u n-nies daru miegħu jeħdulu b'idu u jbusuh. U meta rajt hekk, għedt lil Don Longo: "Għandu jkun hawn, aktar hu ħafif titgħallem għal qassis inkella titgħallem tagħmel ftira !" U tlaqna m n n hemm.

U l-*Festa tal-Armeni*, trid tara kemm jagħmluha sabiħ !

Darba kienet festa tal-Armeni-Kattolki, u l-koka tad-Dejr, Omm-Nażâr, stednitna għandha, u morna daqs xej, Don Ġiuseppe Longo, l-Imgħallem Sagħid Xaħîn, u jien, biex ma titfantasx. Kien wara nofs inhar. Tagħna ftit ħelu, qisu biskuttini, u bikkerin. Fil-bitħa tagħha kien hemm raġel, żewġha jew ħuha ma nafx, bil-qegħda fuq saqqu, għad-d e l l, ħada bieb ta' kamra, bi flixkun għaraq (bħal maskta) u tazza ma' ġenbu, f'sakra ma jarax art, jgħid qatiegħ kliem bla sens. Din kienet il-festa għalih: jisker sakra. Imma min jisker ma jitħenniex bil-festa, għax anqas ikun jaf fejn jinsab.

U darba morna għamilna *Żjara lil qassis Protestant*, dak li kien stiednu Dun Ġubraiel, u bis-saħħa tiegħu xi Misilmin tas-Salt kienu kielu tiġieġa ! (ara ħarġa 2, din is-sena, 1963) Dan kien stedinna, u morna, Don Longo u aħna, t-tliet surmastrijiet. Tagħna kikkra kafè Għarbi u qagħadna nitħaddtu. Billi kien jaf li jien Malti, saqsieni qatiegħ mistoqsijiet fuq Malta; fost ħwejjeġ oħra xtaq jaf xi ħaġa fuq il-lsien Malti. Talabni ngħidlu xi vers mill-Bibbja, jew xi strofa minn xi poeżija. Għedtlu strofa minn waħda mill-poeżijiet ta' Dun Karm, li għadni niftakar kienet din:

*Sliem għalik, ja xemx, ja bidu*
*Ta' kull hena tal-ħlejqiet;*
*Jekk int sbejħa, x'ikun Alla,*
*Illi qegħdek fis-smewwiet* !

u għoġbitu ħafna, u fehemha kollha mingħajr ma kien hemm għal fejn infissirhielu jien, għax il-kliem li fiha kollu jinsab fil-Għarbi, barra minn "jekk", li ma nafx minn fejn ġibnieha. Għax bil-Għarbi, fejn aħna ngħidu "jekk" huma jgħidu "eża".

Kien hemm missier il-qassis ukoll, raġel xiħ ta' xi sebgħin sena. U qalilna ħrafa fuq Malta, li jgħiduha l-Palestina. Qalilna li darba wieħed Mislem kien jinsab Malta u kien nhar il-*Corpus*, u kien hemm il-Purċissjoni

bil-Qorbân. In-nies kollha qagħdu għar-rkubtejhom hi u għaddejja, barra minn dak il-Mislem, li baqa' bil-wieqfa. Qalulu n-nies: "Oqgħod għar-rkubtejk, għax sa jgħaddi Bin għmel *Żjara lis-Salt*. U l-kurat tal-Insara Griegi-Kattolki stedinna biex immorru aħna wkoll, bit-tfal tal-iskola, nsieħbu lill-Isqof, minn tarf il-belt sal-knisja. U morna. U ġew



*Is-Salt — Dehra ta' triq miż-żewġ toroq ewlenin tal-belt, u isfel, fil-lemin il-għajn tal-ilma*

Alla!" u baqa' ma riedx. U qamu għalih x'erbat irġiel u tawh xebgħa, u m'hux biss kellu joqgħod għar-rkubtejh, imma qala' xebgħa wkoll!

Darba ġie *Isqof Grieg-Kattolku* jagħmel... magħna ż-żewġ qassisin Latini, Don Longo u l-kurât. Imxejna l-ewwel aħna, bit-tfal, żewġ saffi, tal-iskola tagħna, u warajna l-qassisin. Imbagħad it-tfal u s-surmastrijiet tal-

iskola tagħhom, żewġ saffi, u warajhom il-qassis Grieg-Kattolku, u s-segretarju tal-Isqof, u l-Isqof fin-nofs; u wara għadd kbir ta' rġiel. Wieħed raġel Għarbi, Nisrani, ma għoġbitux il-Purċissjoni bil-kwiet; qal: "X'hu ħada, ja żlâm?" u ried jibda jagħmel festa bħal ma jagħmluha l-Għarab, biż-żfin u l-għajjat. Għal hekk daħal f'nofs il-Purċissjoni, u beda jixxengel u jgħolli jdejh u jgħajjat: "Hej-hej! Hej-hej!" imma ħ a d d ma għamel bħalu. Ġie jiġri l-kurat Grieg-Kattolku u xejjirlu b'idu biex imur fil-ġenb, u hekk għamlu wkoll ħafna rġiel. U kif ra hekk, dak, dabbar rasu u telaq.

Imma mbagħad għamluha meta l-Isqof daħal fil-knisja. Imn'Alla li lit-tfal bagħtnieħom lejn id-dar malli wasalna ħada l-bieb! Meta dħalt jien rajt aktar min-nofs il-knisja mimli bir-rġiel, kollha jitfgħu lil xulxin, kemm għandhom saħħa, għannaħa tal-artal. Għandu jkun (għax jien ma stajtx narah) l-Isqof kien waqaf quddiem l-artal biex in-nies imorru jbusulu idu, u huma bdew kull ħadd jitfa' lil xulxin, biex ifittxu jaslu malajr. Qagħadt hemm f.it nara dak il-briju( jew ma nafx x'naqbad ngħidlu) u tlaqt.

Għand il-Latini, (jiġifieri għandna) wkoll ġie dik il-ħabta *Monsinjur Robinson* (dak li mbagħad kien ġie Malta, fi żmien li kien Prim Ministru Lord Strickland), għax kien Delegat Apostoliku tal-Palestina. Dak kien Patri Franġiskan, imma kif jitlob dmiru, kien jilbes dejjem ta' qassis. Aħna konna nafu li kellu jiġi, imma, ma nafx għaliex, ma għamilnielux Proċissjoni. L-ewwel żar il-knisja, imbagħad ġie jżur ukoll il-klassijiet tal-iskola. Meta ġie fil-klassi tiegħi kont qiegħed ngħallem lit-tfal iż-żgħar. Sellimli u jien bistlu idu; saqsieni x'ngħallmu f'dik il-klassi u kemm siegħat, ma'tul in-nhar. Fost it-tfal kollha għoġbu wisq wieħed żgħir ta' xi seba' snin jismu Duġġân. Dan kien samrani, oħxon-oħxon, rasu kbira u mqarweż meqrugħ, li baqa' skan'at iħares lejn il-Monsinjur, għax għandu jkun qatt ma kien ra bħalu. Il-Monsinjur, kif kien iħares u lemħu, wera b'sebgħu lejh u qal lil qassisin ta' miegħu: "Vedete questo!" Wara ftit raġa' sellimli u ħareġ u mar jara l-klassijiet l-oħrajn.

Qabel ma telaq mis-Salt qal lil kurat, Don Vergani, biex l-għada jagħti btala lit-tfal tal-iskola. Missierijiethom gemgmu għal dan, u qalu: "Għax ma taħomx ħames liri biex nixtrulhom żewġt iħrief u nagħmlulhom xalâta? Mela nhar btala biss?"

Darba oħra ġie jara l-iskola Rajjes il-Ważâra ta' Għammân, ma xi mpjegati għolja miegħu. Meta daħlu fil-klassi tiegħi, wieħed minnhom, li aktarx kellu x'jaqsam mal-iskejjel, qabbad wieħed mit-tfal jaqra bil-Għarbi, imbagħad qabbdu wkoll jaqra bl-Ingliż. It-tifel aktar qara tajjeb l-Ingliż inkella l-Għarbi. Għal hekk dak beda jgħajjat miegħu u qallu: "Int m'nitix Għarbi? Kif taf Għarbi anqas milli taf Ingliż?" It-tifel ma tkellem xej, u anqas ma tkellemt jien. Mur kellimhom bħal dawk! Imbagħad, jien ma kellix x'naqsam, għax l-Għarbi m'hux jien kont ngħallimulhom.

Fit-13 ta' Ġunju bdejna n-naqra ta' eżami tagħna, u domna sejrin bih tlett ijiem. Dak is-surmast li kien ismu Għażiż Abu-Saba, qabel l-eżami telaq bla ma qal lil ħadd, u l-eżami tal-Ingliż tat-tfal il-kbar wkoll kelli nitqanna bih jien. Fis-16 tax-xahar

fil-għodu, sellimt liż-żewġ qassisin u lil koka, qbadt iż-żewġ bagalji li kelli, irkibt karozza u tlaqt lejn Ġerusalem. U hekk intemmet il-qagħda tiegħi fis-Salt.

ELSIE.

# IL-QIMA TAL-MEJTIN F'ĊIPRU

Kif jifhmu l-għorrief, l-isem ta' Ċipru ġej minn "kuprum", li jfisser *ram aħmar*, li minnu hemm qatiegħ taħt l-art ta' dik il-gżira; jew minn "kuprissos", li jfisser *siġra taċ-ċipress*, li wkoll dik il-gżira tagħmel wisq minnha.

In-nies ewlenija li għammru Ċipru, jinħaseb li ġew mill-gżejjer tal-Baħar Eġew; u kienu maħkûma l-ewwel mill-Feniċi u wara mill-Eġizzjani (1450 qabel Kristu); u aktar imwaħħar inħakmu mill-Assîjri, mill-Persjani, mit-Tolomej u mir-Rumani. Fost il-ħrejjef qodma tad-dîn tannies ta' Ċipru, jingħad li Venus, alla mara tal-ġmiel, twieldet hemm mirragħwa tal-baħar, f'Pàfos.

Fiż-żmenijiet tan-Nofs dil-gżira ħakmûha l-Għarab (632-965); imbagħad ħakimha wkoll Rikardu Qalb-Ta' Ljun, Re tal-Ingilterra, li biegħ ha lil Kavalieri Templâri b'mitt elf lîra sterlîna. Minn għand it-Templâri għaddiet għal għand il-Lusinjâni, il-Venezjàni u t-Torok. U fl-aħħar, fl-1878, fil-Kungress ta' Berlin, ġiet taħt it-tmexxija tal-Ingilterra, u issa sàret Repùblika fi ħdân l-Imperu Ingliż. Ma hemmx għal fejn wieħed jistagħġeb, mela, jekk fost innies bdiewa ta' Ċipru għad fadal drawwiet u għadiet li ħaduhom minnnies li ħakmu fuqhom.

Il-misteru tal-Mewt dejjem qajjem fin-nies sogħba għarîba, u għamla ta' ġiħ u qîma barranîn, li tħosshom u ma tafx tfissirhom. Għal hekk iċ-ċerimonji tal-Mejtin, fir-rħula ta' Ċipru, huma tas-sew ta' min ikûn jâfhom.

Malli n-nies ta' Ċipru jkûnu jâfu li xi ħadd għażiż għalîhom wasal biex imût, iniżżluh bil-qajl u bl-imħabba minn fuq is-sodda u jmidduh fuq il-qiegħa tal-art imgeżwer ġewwa liżâr. Jagħmlu hekk bil-għân ħalli dak li jkûn jagħmel mewta kiebja.

Billi d-Djiena tal-kotra l-kbîra tannies ta' Ċipru hi Griega-ortodossa, nies il-marîd jġîbu l-Papâs biex jagħmillu l-Griżma tad-Morda. Malli dana jmût, in-nies ta' ma' dwâru jagħalqûlu għajnejh u jorbtûlu ħalqu, għax jibżgħu li tidħol fih xi rûħ ħażîna. Imbagħad jaħslu l-ġisem kollu bilmisħûn (1). Wara dan, iġibu ħarqa bajda, jixegħlu xemgħa, u jaħarqu toqba f'nofsha (2) bin-nâr tax-xemgħa, kemm tgħaddi râs il-mejjet. Ilibbsuhielu, u hekk taqdi bħala xbieha tas-safa. Fl-aħħar isallbûlu fuq xulxin idejh u saqajh u jorbtuhomlu b'qafla, biex ifakkru l-mewt ta' sidna Ġesu Kristu. Wara dan kollu, jgħattuh b'liżâr.

Mill-ħîn li bniedem imut sal-ħîn li jindifen, isîr biki u tinwîħ kbir fiddâr. Kull inkwatru u kull xbîha u kull mera li jkûnu fil-kamra fejn jinsâb il-mejjet, idawwrûha wiċċha lejn il-ħajt jew jgħattûha b'ċarruta sewda, u jħallûha hekk għal erbgħîn jûm, u drabi għal sena sħiħa. Ma' tûl il-lejl il-mejjet ikûn misħur u mgħasses mill-qrâba l-aktar ta' ġewwa, li jewilla ma jersaqx xi qattûs in-naħa tiegħu u jġiblu r-riżq ħażîn.

Aktarx li fil-kamra fejn jinsâb il-mejjet iħallu l-bwieb u t-twieqi miftuħa. Fil-ġnub tal-mejjet jixegħlu l-ħîn kollu żewġ xemgħat, waqt li minn râsu sa saqajh iħallu jixegħlu msiebaħ taż-żejt. Qrîb il-mejjet iqegħdu wkoll platt mimli bil-qamħ, u ġewwa fîh żewġ biċċiet tal-qasab għamla ta' salîb. Dak il-ħîn ukoll ġewwa kenûn tal-metall iqegħdu xedda ġamar, u jaħarqu fûqu minn ħîn għal ħîn trâb tal-inċens imħallat bil-balsmu. U xi ħadd minn tad-dâr kull ftit tal-ħîn, ibaħħar ma' dwar il-mejjet.

L-aktar tad-drabi l-mejtin jeħduhom jidfnuhom fil-għôdu, u ħâġa kbîra biex jistennew erba' u għoxrin siegħa wara l-mewt. Malli l-mejjet ikûn maħrûġ barra mid-dâr, kull ħâġa li jkûn fiha l-ilma ġewwa d-dâr tkûn imferrgħa fl-art, biex ir-rûħ imsejkna tal-mejjet tħoss il-mistrieħ. Aktarx li n-nisa miżżewġin kollha tar-raħal jagħmlu hekk ukoll, għal mistrieħ ta' rûħ il-pajżân tagħhom.

Il-Papâs jimxi quddiem il-ġilwa tal-mejjet waqt li warajh j i m x u qrâba u l-ħbieb u n-nies tar-raħal, jibku u jolfqu mill-aktar li jistgħu. Kull wieħed imma jżomm għajnejh fuq il-Papâs li ma jkollux għal fejn idawwar wiċċu lûra waqt li l-mejjet ikûnu sejrîn bîh lejn il-knisja, għax jemmnu li jekk il-Papâs idawwar wiċċu lura, xi ħadd mill-ġilwa dak il-ħîn jaqa' mejjet fl-art.

Malli jaslu fiċ-Ċimiterju, il-mejjet jitniżżel ġewwa l-qabar. Dak il-ħin isawwbulu ż-żejt fûqu u jxerrdu fûqu l-qamħ. Wara din iċ-ċerimonja dawk li jkûnu ma' dwar il-qabar jixħtu qabda trâb fil-qabar fûq il-mejjet. Jekk il-qabar ikûn ta' nies il-mejjet, u jkûn hemm fîh xi mejjet li jkun ilu hemm xi tnaxer sena, jiġbru l-għadam tal-mejjet l-antîk u jqegħduh ġewwa qoffa, biex imbagħad jerġgħu jidfnuh f'riġlejn il-mejjet li miet l-aħħar (5). Wara li jordmu l-qabar, kull ħadd jaħsel idejh fl-ilma li jkûn imħejji għal daqs hekk minn qabel, hemm, ma' ġenb il-qabar. Wara dan, il-ġarar li kien fihom l-ilma ikissrûhom u x-xaqqûf tagħhom jitħalla fuq il-qabar (6).

Miċ-Ċimiterju n-nies imorru mill-ewwel f'dar il-mejjet, fejn ikûn hemm imħejji ikel għal dawk li marru miegħu għad-difna. U waqt li kull ħadd jiekol u jixrob, jibdew ibierku rûħ il-mejjet li ħalliehom għal dejjem (7).

Żmien erbgħîn jum wara d-difna jinżamm dawl mixgħûl fuq il-qabar. Dân isîr għax jemmnu li dak id-dawl idawwal it-trîq li għandha tgħaddi minnha r-ruħ tal-mejjet, u jħarisha mill-erwieħ il-ħżiena. Ma' tûl dawn l-erbgħîn jûm, fûq il-farxa tal-bieb ta' barra ta' dar il-mejjet, jiddendel stâr iswed bħala egħliem ta' niket. Drâbi jdendlu wkoll kurûna tal-ward mitbiel fuq il-bieb.

Wara tmient ijiem il-qraba tal-mejjet jieħdu platt qamħ imgħolli u tmien ħbejżiet ġewwa l-knisja, fejn issîr funzjoni żgħîra għal mistrieħ ta' rûħ il-mejjet (8). Malli tintemm din i-funzjoni, il-qamħ mgħolli jingħâta lin-nies li jkûnu fil-knisja, li hûma u jieħduh u jekluh, u jbierku rûħ il-mejjet. It-tmien ħbejżiet jingħataw lil Papâs bħala ħlâs tax-xogħol li għamel għal mistrieħ tar-ruħ tal-mejjet. Il-qraba jkollhom sabar kbîr meta jagħarfu li ruħ il-qarîb tagħhom kienet mgħejjuna bil-barka t a l - Papâs, għal kemm il-Griegi-Ortodossi ma jemmnux li hemm Purgatorju.

P. UBERTINU BERTI, O.F.M.

(1). Hekk ukoll jagħmlu l-Misilmîn u l-Lhud. Fost l-Insâra Latîni din id-drawwa nqatgħet, għad li f'Malta donnha li dâmet sejra, ftit jew wisq, saż-żmeijiet tan-nofs. Fiċ-Ċimiterju tad-Dejr, trîq Bir-ir-Rieħbu, r-Rabat, li kien Ċimiterju Lhûdi u wara ħadûh l-Insâra, u damu jidfnu fih sa wara n-Normanni, hemm ħawt tal-ilma, li jinħaseb li kien għal hekk.

(2). Min jâf ħux għal hekk li, bil-Għarbi u bil-Malti, biċċa xoqqa bajda, ta' kobor imdaqqas, jgħidulha "ħarqa"? Li kienet drawwa tas-Semîn li jdawwru râs il-mejjet b'biċċa xoqqa bajda, jidher ukoll mill-Evanġelju ta' san Ġwann, kap. IX, vers 44, u kap XX, vers 7.

(3). Malta ukoll kien isîr xi ħâġa bħal dan. Ara l-ktieb ta' P.P. Castagna, "Malta bil-Gżejjer Tagħha", 1863, taħt l-isem: "Funerali", faċċata 345.

(4). Għad fadal xi fdâl ta' drawwa bħal din f'Malta. Meta tkûn ix-xemx taħraq, fis-sajf, xi mara troxx l-ilma nadîf ġewwa l-bitħa, jew barra quddiem il-bieb, "għall-erwieħ".

(5). Il-Lhûd u l-Insâra tal-qedem, li kienu jidfnu fl-oqbra li jgħidulhom "kokhim" (oqbra donnhom frân, imħaffra ġewwa l-ħajt ta' kamra fil-blât), kienu jagħmlu hekk ukoll; imma l-għadam li jiġbru, tal-mejjet ta' qabel, kienu jqegħduh l-ewwel ġewwa tebût żgħîr tal-ħaġar, imbagħad iqegħduh f'riġlejn il-mejjet il-ġdîd. Għadd kbîr minn dawn it-twiebet insâbu m'ilux fil-għalqa tal-Franġiskani fi djul Ġebel iż-Żejtun, qrîb Ġerusalemm. L-Editur ta' dal-"Qari" wkoll, meta kien il-Palestina, qrîb ir-raħal żgħir ta' Rafât, sab qabar tas-seklu V b'qatiegħ minn dawn it-twiebet tal-ħaġar bil-għadam immermer ġewwa fihom. Tebût minnhom kien għâdu f'riġlejn ta' skeletru mmermer, ġewwa qabar għamla ta' forn, li kien għadu misdud b'ħaġra mkaħħla bil-ħamrija. Ara dan il-"Qari", għadd 4, it-Tielet sena, faċċata 119.

(6). Mela dawn kienu l-biċċiet ta' ġarar imkissra li sâb l-Editur ta' dal-"Qari" fil-bitħa tal-qabar ta' Rafât.

(7). Din l-ikla kienu jgħidulha: "Il-Għâża", jiġifieri *l-Faraġ*. Ara d-Dizjunârju ta' Ġ.B. Falzon, 1863.

(8). Kienet issîr Malta wkoll. Ara l-ktieb ta' Castagna, li msemmi fuq. Il-Palestina jgħidulha *burbâra*, u għadha ssîr mill-Insâra tarrħûla, dik inhar tad-difna. Il-qamħ imgħolli jittieħed u jitferraq lin-nies ġewwa l-knisja, fuq il-Presbiterju. Fuq il-qamħ ikun hemm imferrex il-ħelu. Dan rah l-Editur ta' dal-"Qari", meta kien hemm.

# HREJJEF TAL-PATRIJIET

(*Jaqbad mal-ħarġa ta' qabel*)

3. *It-Tliett Irħieb fuq il-ġifen.*

Darba waħda, tliett Irħieb, ħaslu sabu ruħhom fuq ġifen wieħed, sejrin minn art għall-oħra. Wieħed minnhom kien Patri Benedittin, ieħor Patri Dumnikan, u ieħor Ajk Franġiskan. Dawn ftiehmu li jitolbu lil Kaptan tal-ġifen li ma jieklux fis-sala l-kbira man-nies l-oħra, imma joqogħdu għalihom weħedhom, x'imkien. Qalilhom "iwa" l-Kaptan u wissa lil kamrier iħejjilhom mejda f'naħa mwarrba. Sar il-ħin, u marru jieklu. Qabel ma qagħdu bil-qegħda, il-Benedittin talab lid-Dumnikan li jbierek il-mejda hu. Dan radd is-salib u qal il-kliem ta' dari: *Benedic, nos Deus, et haec tua dona.* Imbagħad dar, u qal lil Benedittin: "Issa bierek il-mejda int ukoll". Dan radd is-salib u qal: *Benedictus, benedicta benedicat*, jiġifieri: *L-Imbierek* (Alla) *ibierek l-imbierka* (il-mejda). Wara dan, iż-żewġ Patrijiet daru fuq l-Ajk Franġiskan, u qalulu: "Issa jixraq li int ukoll tbierek il-mejda!" Dak ma kienx jaf bil-Latin, u ħaseb li meta l-Patri Benedittin qal "Benedictus" kien qiegħed isemmi l-qaddis tal-Ordni tiegħu, għal hekk ried jagħmel bħalu. Radd is-salib u qal: *Franciscus, francisca, franciscat.*

4. *Nofsu moqli u nofsu mixwi.*

Fi knisja ta' wieħed mill-irħula ż-żgħar li hemm l-Italja, kien hemm Kappillan waħdu, li kellu jagħmel kollox hu: iqaddes, iqarar, jippried-

ka iżur lil morda, jgħallem id-Duttrina lit-tfal, u dan. Meta tasal il-festa tal-qaddis ta dik il-knisja, kien jistieden qassis ieħor minn raħal qrib, biex waqt li hu jqaddes, dak l-ieħor joqgħod fil-kor, ikanta mat-tfal, *Missa de Angelis,* li kien ħa ħsieb għallimhielhom minn qabel. Mela darba waslet il-festa, u l-kappillan stieden il-qassis, bħal ma dari. Qabel ma ħareġ iqaddes, il-kappillan, lil koka qalilha toqtol is-serduk is-smin li kellhom, għalih u għall-qassis il-barrani, imma nesa jgħidilha kif riedha ssajru. Il-koka qatlet is-serduk u nittfitu, u x'ħin ġiet biex issajru, ftakret li l-Kappillan ma kienx qalilha kif riedu misjur. Fid-dar tal-Kappilan kien hemm tieqa li tagħti għal ħada l-artal tal-knisja, u l-koka marret hemm, bis-serduk mejjet, imdendel f'idha minn siequ, tferfru quddiem it-tieqa u tagħmillu s-sinjal jgħidilha kif riedha ssajru. Hu kien qiegħed ikanta l-*Prefazju,* u kif wasal fl-aħħar, kanta dawn il-kelmiet: . . . *.nofsu moqli u nofsu mixwi, per Christum Dominum Nostrum* !

U l-qassis l-ieħor u t-tfal, wieġbu minn ġewwa l-kor: *Sanctus, Sanctus, Sanctus.*

5. *Erbat Irħieb f'Lukanda.*

Darba waħda ħabat li ltaqgħu erbat Irħieb f'lukanda; wieħed Benedittin, wieħed Dumnikan, wieħed Agostinjan, u wieħed Kapuċċin. Kienet il-Ġimgħa dik inhar, għal hekk marru għand sid il-lukanda u qalulu: "Aħna l-lum ma nistgħux nieklu laħam, għal hekk nitolbuk issajrilna l-ħut, u tqegħdna nieklu għalina weħedna f'xi kamra mwarrba, għax fis-sala jkun hemm ħafna minn dawk in-nies li ma jemmnu b'xej u meta jarawna nieklu l-ħut, għax il-Ġimgħa, jidħku bina". "I s b a ħ din!" weġibhom is-sid. "Ħallu f'idejja!" U mar, u wissa lil kok isajjrilhom denċi, sabiħa, biz-zalza tat-tadam, u qal lil kamrier iħejjilhom mejda f'kamra żgħira, qrib il-kċina. F'nofs inhar daħlu jieklu l-Irħieb, u sabu dik il-ħuta, kbira u sabiħa, mis-jura, sħiħa, ġewwa dixx, biz-zalza tat-tadam ma' dwarha. Raddu s-salib u sa jibdew jieklu. Id-Dumnikan, qata' ras il-ħuta qegħdha fil-platt tiegħu, u qal: *In capite sapientia,* u ressaq id-dixx quddiem l-Agostinjan. Dan qata' n-nofs tal-ħuta, qegħdu fil-platt tiegħu, u qal: *In medio virtus,* u ressaq id-dixx quddiem il-Benedittin. Dan ħa l-biċċa li kien baqa', tan-naħa tad-denb, u qal: *In fine corona,* u ressaq id-dixx biz-zalza quddiem il-Kapuċċin. D a n ħares lejn sħabu, imbagħad ħares lejn id-dixx biz-zalza, għaddas il-leħja fiha, raxx lil Patrijiet l-oħra, u qal: *Asperges me hyssopo et mundabor* !

Dawk telqu jiġru 'l barra, u marru jnaddfu ċ-ċoqqa, u hu qafel bieb il-kamra, xeħet it-tliett biċċiet tad-denċi fil-platt tiegħu, u qagħad jiekol bil-kwiet.

6. *San Pietru u san Pawl.*

Fl-Italja hemm raxxa minn dawn ir-rħula żgħar li jkun fihom knisja żgħira b'qassis wieħed bħala Kappillan tagħha.

Dal-qassis, meta tasal il-festa tal-knisja, ma jkunx jista' jagħmel kollox waħdu; jagħmel l-għasar, jippriedka t-tridu, jqarar u jqarben, u hekk. Għal hekk jistieden xi qassis ieħor jew xi Patri jiġi jgħinu, ħalli jlaħħaq, u n-nies tar-raħal ma jgemgmux. Mela, darba waħda, għal fes-

tal-qaddis, wieħed Kappillan minn dawna stieden qassis biex jgħinu, imma l-qassis meta ġie, u l-Kappillan talbu joħroġ fil-knisja jqarar, qallu li ma kienx jaf, għax billi kien ilu ħafna ma jqarar nies, ma kienx jaf kemm irid jagħtihom tewba ta' dan jew dak id-dnub. "Għal daqs hekk ma għandekx għax taqta' qalbek! wieġbu l-Kappillan. "Hawn, f'dan ir-raħal, in-nies kollha, mill-kbar sażżgħar, dnub wieħed ikollhom: jidgħu b'san Pietru u san Pawl. Malli ssaqsihom xi dnubiet għandhom u jgħidulek li dgħaw b'san Pietru u san Pawl, agħtihom tewba ħames Missierniet, ħames Sliemiet, u ħames Gloriet, u xej aktar. Tajjeb hekk?"

"La darba hekk, kif għedtli int, ma għandix f'iex nitfixkel," wieġbu dak il-qassis. U ħareġ il-knisja, sab siġġu tad-dirgħajn u xteħet fuqu u n-nies bdew ġejjin iqerru. Ġie jqerr wieħed u bħal ma kien qallu l-Kappillan, qallu li kien dagħa b'san Pietru u san Pawl. Tah tewba ħames Missierniet, Slimiet u Glorjiet, kif kienet il-ftehima. Ġie ieħor, hekk ukoll, ġie ieħor, u ieħor, u ieħor, kollha xorta waħda: kollha jgħidulu li dgħaw b'san Pietru u san Pawl. Imma wara li kien qarar xi tużżana, nqala' l-għakkux. Ġie wieħed, u meta l-qassis saqsieh xi dnubiet kien għamel, qallu li kien dagħa b'san Pietru biss. "Allura b'san Pawl ma dgħajtx?" saqsieh il-qassis. "Le", wieġeb dak. Il-qassis għal hekk tħawwad, għax ma kienx jista' jagħtih tewba nofs ħames Misserniet u Sliemiet u Glorjiet. Imma mbagħad ħasibha. Qallu; "Ibni, ara x'għandek tagħmel: oħroġ naqra hawn barra sa fuq iz-zuntier, idgħi waħda b'san Pawl, u arġa' ejja!"

FRA RIZZERIO TIOZZO
O.F.M.

# BI HSIEBEK TAGHMEL PRESEPJU?

Għal ħabta tal-Milied, bosta nies (tfal, u daż-żmien kbar ukoll), iħobbu jagħmlu Presepju. Presepju, bit-Taljan, tfisser *maxtura* (1), jiġifieri ħawt tal-għewwied, jew tal-ħaġar, fejn iqegħdu l-għalf tal-bhejjem; imma bil-Malti, Presepju, drajnieha li tfisser ir-raħal ta' Betleħem, bil-għar, fil-blat, li ġewwa fih twieled il-Bambin.

Iżda fid-dinja hawn ħaġa: li fost in-nies hemm min iħobb il-*veru* u hemm min iħobb is-*sabiħ*. Għal hekk, fost in-nies li jagħmlu l-Presepju, hemm ftit li jixtiequ jagħmluh fuq il-veru, u hemm ħafna li ma jħabblux rashom fuq il-veru jew m'hux veru; l-aqwa li l-Presepju li jagħmlu, ikun *sabiħ*! (2). Mela, hawnekk sa ngħidu erba' kelmiet fil-qosor fuq kif wieħed għandu jagħmel presepju FUQ IL-VERU, bla ma joqgħod iqis is-sabiħ. U nistħajjluna, għal hekk, li int li qiegħed taqra, trid tagħmel Presepju fuq il-veru, bħal ma qegħdin ngħidu hawn.

L-ewwel ħaġa li għandek taf hi li Betleħem, qegħda fuq żewġ għoqbiet, għoqba ftit ogħla mill-oħra. Imma l-belt, jew raħal ta' żmien Kristu, kien mibni fuq l-għoqba l-għolja biss u l-għar fejn twieled Ġesù kien fil-bidu tan-niżla tal-għoqba l-baxxa, jiġifieri, ma kienx ġewwa Betleħem, imma barra, ftit bgħid minnu. Dawn iż-żewġ għoqbiet, kienu (u għadhom) imdawra bil-wid-

jien minn kull imkien, minn barra minn naħa waħda: in-naħa tan-Nord-West, fejn kien hemm (u għad hemm) it-triq li tieħu lejn Ġerusalem.

Betlehem, fiż-żmien li twieled il-Bambin, kien raħal żgħir ħafna. Bil-li qrib tiegħu hemm żewġt ibliet kbar, Ġerusalem u Hebron, in-nies kienet tmur tgħammar fihom, u f'Betlehem u ma' dwarha ma kienx hemm ħlief ftit rgħajja u bdiewa. Min jifhem jgħid li fi żmien Erodi f'Betlehem ma kienx hemm ħlief xi elf ruħ, jew l-aqwa-l-aqwa, elf u ħames mija. U n-nies, hemm, dak iż-żmien, kienu jgħammru kull familja ġewwa kamra waħda, għal hekk ftit kien hemm djar (3). Dik li san Luqa lil Betlehem isemmiha *belt* (bil-Grieg: *polis Daueid*, li hi, bil-lingwa Xemija: *beled Dahud*) m a għandhiex iġġiegħel lil min jaħseb li kienet kbira, għax fil-Palestina jgħidu *beled* imqar naqra ta' raħal li jkun fih għaxra jew tnaxer dar.

Għandek tkun taf ukoll li Betlehem kienet fit-triq li tgħaddi mis-Surija għall-Eġittu. Dak iż-żmien is-safar kien isir bil-mixi jew fuq il-ħmir. Għal hekk ġewwa Betlehem kien hemm *khan*, jew kerrejja kbira (4) fejn l-imsefrin joqogħdu għal xi jum jew jumejn, jistrieħu huma u jserrħu l-bhejjem tagħhom, qabel ma jibqgħu sejrin. Dan il-*khan* ma hux magħruf fejn kien, f'nofs Betlehem jew f'xi ġenb tiegħu, għax Betlehem baqgħet imgħammra dejjem, u fiha qatt ma sar taħfir. Imma aktarx li kien fin-nofs, fuq ras l-ogħla għoqba, ħalli jidher minn bgħid. U ħaqq ukoll li fil-għelieqi ta 'ma' dwar Betlehem u l-aktar fil-widjien ta' taħtha, kien hemm kotra ta' siġar tal-frott, għax Betlehem kellha isem ieħor: *Efrata* (5), li bil-Lhudi tfisser: *Tal-frott*. Xi frott kien? Dak il-frott li jissemma fil-Bibbja: qisu l-frott kollu, barra mil-larinġ u l-bajtar tax-xewk.

Min jagħmel Presepju *sabiħ* u ma jqisx il-veru, fih jagħmel l-imtieħen tar-riħ, bħal dawk li kien hawn Malta ftit anqas mnin mitt sena ilu. Imma int, jekk trid tagħmel Presepju fuq il-veru TAGĦMELX IMTIEĦEN TAR-RIĦ! Għax ma kienx hemm. Il-qamħ u x-xgħir kienu jitħnuħ in-nisa, kull mara titħan kemm teħtieġ għal dak in-nhar, f'mitħna żgħira b'żewġ ħaġriet ċatti, jew jitħnuħ ir-rġiel b'mitħna naqra kbira, tal-ħaġar iswed tal-basalt (bħal dawk li hemm il-biċċiet tagħhom ħada l-Villa Romana, r-Rabat ta' Malta).

Issa trid tagħmel il-pasturi. Mela jeħtieġlek tkun taf kif kienu jilbsu n-nies ta' Betlehem ta' dak iż-żmien. Meta r-rġiel kienu jkunu jaħdmu, kienu jilbsu libsa tas-suf ta' ngħaġ, bajda, biss, jekk ikun is-sajf, u fuqha bħal qmis tal-qoton, bil-kmiem dojoq, miżbugħa, jekk tkun ix-xitwa; u f'rashom bħal kallotta tal-ħajt tas-suf, maħduma bil-g a n ġ (ganġ magħmul minn fergħa żgħira ta' siġra tal-lewż), weħedha, jew im-dawwar magħha bħal turbant żgħir, jgħidulu *leffa*. In-nisa jilbsu libsa sħiħa, bħal bluża, blù, bil-kmiem wesgħin u bil-ponta mdendla 'l isfel u fuq rashom ħarqa kbira bajda, mitwija għal tnejn, ponta ma' ponta, bit-truf tagħha mitluqa għal wara d-dahar.

* * *

Mela, il-Presepju tiegħek, jekk tridu jkun jixbah lil veru, għandek tagħmlu hekk: żewġ għoqbiet, tal-lemin akbar u ogħla minn tal-xellug. Fuq il-quċċata tal-għoqba l-kbira, biċċa bini mrebbgħa, b'sular wieħed,

bil-bieb kbir; fis-sular, fuq, twieqi żgħar, għal barra; twieqi tewmin, tnejn tnejn. Ġewwa dal-bini, bitħa mrebbgħa wkoll, li għal ġewwa fiha jagħtu l-kmamar, fuq u isfel, u f'nofsha, bir. Dan huwa l-*khan*, jew kerrejja. Ma' dwar il-kerrejja, djar baxxi, bħad-djar tar-raba ta' Malta, kull kemm, xi waħda b'għorfa fuqha. Aktar ma titbiegħed mill-karrejja, aktar id-djar jiħfiefu. Tinsiex li minn

l-maxtura midd il-Bambin, bħal ma dari, u ħdejh qiegħed lil Madonna u lil san Ġużepp, u jekk trid xi żewġ nagħġiet.

Il-għelieqi agħmilhom bil-ħ i t a n baxxi tas-sellieħ, bħall-għelieqi ta' Malta sewwa, u xi borġ żgħir, għall-għassa. Il-ħitan tal-għelieqi, b i d - dwieli jħaddru fuqhom, u 'l hawn u 'l hemm xi siġra tat-tin, bil-weraq. u siġar oħrajn (jekk xi ħadd jgħidlek:



*Deħra ta' Betlehem kif sata' kien fiż-żmien li twieled fih Ġesù. Fix-xellug jidher l-għar, u fuq jidher il-ħan ta' Hajmam.*

bejn id-djar tagħmel triq li tieħu għal bieb tal-kerrejja, b'xi ġemel jew xi ħmar, b'raġel isuqu jew riekeb fuqu. Il-għolja l-oħra tax-xellug, miksija bil-għelieqi, u xi kamra 'l hawn u 'l hemm. Minn bejn iż-żewġ għoqbiet għaddejja trejqa, għan-niżla, li tieħu għal ġewwa l-wied. Quddiem it-trejqa, ftit 'l isfel minn ras il-għoqba, għar, m'hux naturali, imma mħaffer minn nies. Ġewwa dan l-għar waqqaf il-maxtura, u ġewwa

"Kif? Huwa f'Diċembru, id-dwieli u t-tin ikunu bil-weraq?" Wieġbu hekk: "Għax Kristu twieled f'April, m'hux f'Diċembru; f'Diċembru ssir it-tifkira, u l-Insara bdew jagħmluha f'Diċembru, biex jgħattu biha l-festa Pagana tat-Twelid tax-Xemx, jew ta' Mithra). Is-siġar l-oħrajn ikunu tażżebbuġ u tal-lewż u ta' frott ieħor li jissemma fil-Bibbja. U agħmel, bħal ma dari, rgħajja jirgħaw il-għanem, u xi bidwi, jaħrat jew jagħżaq, u xi

tfal jilgħabu, u hekk. Ara li ma tagħmilx xi forn, għax fran ma kienx hemm. Il-ħobż tagħhom kien ikun ftajjar, moħmi ġewwa ħaġa jgħidulha tabun, li jkun moħbi ġewwa bħal ġirna wara d-dar.

Wara Betlehem, fil-bgħid, pinġi żewġt iġbla, donnhom żewġ żnieġel wiċċhom 'l isfel, waħda ogħla mill-oħra. Fuq l-ogħla waħda, sawwar donnu kastell, li kienet fortizza li bnieha Erodi, fejn kien għamel ukoll il-qabar tiegħu. Dawn l-iġbla hemm għadhom, il-lum ukoll, u fir-ritratti ta' Betlehem jidhru sewwa.

U hekk ikollok Presepju rżin, imma fuq il-veru; m'hux ħafna stħajjiliet qarrieqa għal kemm sbieħ.

JUSEF DA'UD IMBARAK.

---

(1). Il-kelma Presepju, sewwa-sew, ġejja mil-Latin Praesepe. Il-kelma li ngħidu aħna *maxtura*, hi t-taħsira tal-kelma Taljana "*mangiatoia*".

(2). Hemm min fil-Presepju jagħmel il-*minareti* tal-Misilmin. Dan żball ikraħ; għax Muħammed twieled fuq is-sitt mitt sena wara Kristu. Meta twieled Kristu kien baqagħlhom sitt mitt sena biex jidhru l-Misilmin.

(3). Il-kotra l-kbira tan-nies il-foqra hekk għadhom issa wkoll.

(4). Dan il-Han kien bnieh wieħed jismu Hamam, li jissemma fil-Bibbja, II, Re, XIX, 37, 38, 40; u Ġeremija, XL, 17.

(5). Ara I, Re, XIII, 17, u ħafna bnadi oħra.

# IS-SORIJIET MALTIN LI HEMM NAZARET

F'Nazaret hemm għadd ġmielu ta' Sorijiet Maltin. Hemm tlieta Franġiskani, tnejn Klarissi, tnejn Karmelitani, u waħda Ġużeppina. Meta mort il-Palestina jien, għal Ġimgħa l-Kbira li għaddiet, mal-Patri Kumissarju tat-Terra Santa, morna wkoll il-Galilija, u qagħadna f'Nazaret qisna ħamest ijiem (mis-17 t'April wara nofs inhar sat-23 fil-għodu). Ma' tul dan iż-żmien, mort darbtejn, mal-Patri Kumissarju, għand is-Sorijiet Franġiskani, u qagħadna nitkellmu magħhom; u darba minnhom dawwruna l-iskola li għandhom hemm. U semmejnielhom il-"Qari" tal-Art Imqaddsa, u tlabthom il-permess li nikteb fih kelmtejn fuqhom, u ma qalulix le.

Mela, kif għedt qabel, f'Nazaret, Sorijiet Maltin Franġiskani, hemm tlieta: Suor M. Bianca, mill-Mellieħa, li ilha hemm 5 snin, u tnejn oħra, Suor M. Bernarda u Suor M. Rita, mill-Ħamrun, li ilhom hemm 9 snin.

Dawn is-Sorijiet Franġiskani f'Nazaret għandhom skola għal bniet. Meta konna hemm aħna, f'din l-iskola kellhom 'il fuq minn 700 tifla. Minn dawn ħafna ma jħallsux: oħrajn iħallsu ftit ħafna billi foqra wisq. Fost dawn il-bniet, 53 minnhom huma "boarders", jiġifieri, jieklu u jorqdu hemm fl-iskola, għax jiġu mill-irħula bgħida, u ma jistgħux jiġu mid-dar u jerġgħu jmorru d-dar kull jum. Dawn il-bniet huma kollha Għarab, imma fir-Reliġjon, ftit minnhom huma Latini (jiġifieri *Roman Catholics*) .L-oħrajn huma Griegi-Kattolki, Griegi-Ortodossi (jiġifieri *Xismatki*). Maroniti, u Protestanti; u hemm għadd ġmielu minnhom ta' Misilmin. Hemm fosthom bniet żgħar ħafna, saħansitra ta' tliet snin, u hemm oħrajn li għandhom mat-18 il sena. Iż-żgħar jitgħallmu xi ħaġa talli huma, imma l-kbar u l-imfarfrin jitgħallmu l-Ebrajk, l-Ingliż, il-Għarbi, u t-Taljan; storja, Ġeografija, Matematka, u l-bqija; hekk li joħorġu minn hemm tajbin biex jagħmluha ta' *teachers*. Imbagħad, min minnhom ikun irid jibqa' jistudja, imur l-Università. Għal mal-bniet "boarders" hemm tliet Sorijiet: tnejn Maltin,

u waħda Għarbija, li barra milli jgħallmuhom, jieħdu ħsiebhom bi nhar u bil-lejl, bħala sorveljanti. Il-għan tas-Sorijiet, m'hux li jgħallmuhom biex jaqilgħu l-flus, imma biex dawk il-bniet ikollhom grad tajjeb ta' ċiviltà, u li meta jiżżewġu, jkunu ommijiet tajba. Skola jagħmlu mit-8 ta' fil-għodu sat-3 ta' wara nofs inhar, b'nofs siegħa rikreazzjoni u "break" f'nofs inhar għall-ikel. Fil-Franġiskani għandhom ukoll xogħol ieħor: jieħdu ħsieb ta' sptar f'Hajfa, fejn hemm għadd kbir ta' morda, l-aktar fosthom Lhud. Imma fuq l-isptar ma aħna sa ngħidu xej hawnekk, billi ma rajniehx, bħal ma rajna l-iskola. Jista' jkun li s-Sorijiet xi darba, meta jistgħu, jiktbulna xi ħaġa huma fuqu, u nxandruhielhom bil-qalb.

Hekk, mela, Malta hija ppreżen-



*Nazaret — Suor M. Bianca ma' ġemgħa bniet tal-iskola li għandhom is-Sorijiet. It-tifla tal-filliera ta' fuq, fil-lemin, jisimha Għida (Aida) u tħobb wisq lis-Sorijiet Maltin.*

għaxija, il-kbar, idumu jistudjaw sal-10 ta' bil-lejl, b'Soru magħhom. Fejn jorqdu, l-bniet iż-żgħar, għandhom kamra għaliehom, u l-imfarfrin u l-kbar, għaliehom. Il-kmamar tarrqad tal-bniet, is-Sorijiet, urewhomlna wkoll: indaf xammiema, b'ringieli ta' sodod armati kif imorru, bis-saqqijiet, u l-gvieret u l-imħaded u l-lożor bojod daqs il-ħalib.

Barra minn din l-iskola, is-Sorijiet tata tajjeb fil-Galilija, bis-saħħa ta' dawn is-Sorijiet. Huma jixtiequ li l-Maltin jitolbu għaliehom, biex il-Bambin jagħtihom il-għajnuna li jibqgħu jagħmlu sewwa x-xogħol tagħhom għal glorja tiegħu. U jekk xi Maltija tkun tixtieq tgħix fil-pajjiż ta' Ġesù, tiktbilhom, u huma jgħidulha x'għanda tagħmel biex tidħol Soru magħhom hija wkoll.

HANNA L-MALTI

# IS-SEBA' TARGIET TAS-SEMA

Fil-Liturġija Latina hemm talb qadim li l-lum is-sens tiegħu ma jidherx ċar, għax il-fehmiet tan-nies taż-żmien ta' meta nkiteb, kienu xorta oħra mill-fehmiet tan-nies tal-lum. Hawn taħt sa nsemmu xi żewġ talbiet minn dawna, li għadna nisimgħuhom jingħadu għal mejtin, u għandhom bħala sies tagħhom tagħlim li għadda żmienu, u li issa ma għadux jissemma.

Meta qassis, jew patri, jkun jgħid fuq wieħed li wasal għal mewt, għadu jaqra dan il-kliem:

*Proficiscere, anima Christiana, de hoc mundo... ignores omne quod horret in tenebris, quod stridet in flammis, quod cruciat in tormentis. Cedat tibi teterrimus satanas cum satellitibus suis: in adventu tuo, te comitantibus Angelis, contremiscat, atque in aeternae noctis chaos immane diffugiat... confundantur igitur et erubescant omnes tartarae legiones et ministri satanae iter tuum impedire non audeant.*

"Itlaq, ruħ Nisranija, minn din iddinja...... la tqis xej kull ma jbażża' fid-dlam, li jwerżaq fil-ħuġġieġa, li jgħaddab fil-moħqrija. Jitbiegħed minnek il-kiefer xitan mal-qaddejja tiegħu: fil-miġja tiegħek, imsieħba mill-Anġli, jitriegħed, u fil-lejl waħxi u mudlam għal dejjem jaħrab...... jitħawwdu mela, u jitsħu, tajfiet ilqiegħ u l-qaddejja tax-xitan ma jkadux laqtgħu mogħdijjietek".

Minn dan il-kliem jiftiehem li l-kittieb ta' din it-talba kien jemmen li r-ruħ wara l-mewt, biex tasal għand Alla, kellha tagħmel safra twila, li ma'tulha l-qawwiet tal-għadu setgħu jagħmlulha l-ħsara, jew iżommuha li ma ttemmx din is-safra. Għal hekk iħoss li għandu jitlob 'l Alla biex ma jiġrix dana. Din issafra tar-ruħ mistħajjla li ssir flimkien mal-Anġli, li kif jidher, kellhom id-dmir li jħarsu lir-ruħ minn kull xorta ta' ħbit tal-għedewwa. Dan il-ħjiel tal-Anġli li jsieħbu lirruħ sa quddiem Alla, huwa mfisser ukoll f'wisq talb ieħor. Meta l-ġisem tal-mejjet jittieħed il-knisja, il-qassis jgħid hekk:

*Subvenite, Sancti Dei, occurrite Angeli Domini, suscipientes animam ejus, offerentes eam in conspectu Altissimi!*

"Ejjew, Qaddisin t'Alla, iġru, Anġli tal-Mulej, ħudu r-ruħ tiegħu, u ressquha intom quddiem il-Għoli!"

*Fl-Oremus,* li jingħadu fil-Quddiesa tal-mejtin u fl-Uffiċċju tagħhom, fost kliem ieħor, jingħad dan li ġej:

*Deus te supplices exoramus pro anima famuli tui... ut non tradas eam in manu inimici, ne obliviscaris in finem, sed jubeas eam a sanctis Angelis suscipi, et in patriam Paradisi perduci.*

"Alla... nitolbuk għar-ruħ il-qaddej tiegħek... biex ma terħihiex f'id il-għadu, anqas ma tinsieha għal dejjem, imma tamar li tittieħed mill-Anġli qaddisa u titmexxa lejn pajjiż il-ġenna".

U fl-Offertorju tal-quddiesa tal-Mejtin, jinqara dan il-kliem:

*Domine Jesu Christe, rex gloriae, libera animas omnium fidelium defunctorum de poenis inferni, et de profundo lacu. Libera eas de ore leonis, ne absorbeat eas tartarus, ne cadant in obscurum; sed sanctus*

*Michael repraesentat eas in lucem sanctam, quam olim Abrahae promisisti et semini ejus.*

"Mulej Ġesù Kristu, re tas-sebħ, eħles l-erwieħ tal-Insara kollha mejtin mill-uġiegħ tal-għemiq u mill-għadira ta' bla qiegħ. Ħarishom minn ħalq il-għul, biex ma jiblagħhomx id-dagħbien, anqas ma jaqgħu fid-dlamijiet; imma l-qaddis Mikiel jeħodhom fid-dawl imqaddes li darba Int wegħedt lil Abraham u lin-nisel tiegħu".

Il-kliem: *uġiegħ tal-għemiq; għadira ta' bla qiegħ; ħalq il-għul; dagħbien tad-dlamijiet*, u hekk, li jinsab f'dan it-talb, ħafna nies jaħsbuhom li jfissru kollha l-"infern". Imma ma hux hekk. Hu magħruf li dan il-kliem ifisser il-ħafna naħat, jew tarġiet, li minnhom trid tgħaddi r-ruħ fi triqitha lejn Alla wara ħruġha mill-ġisem, kif kien jitwemmen dari. Dan it-tagħlim kien magħruf fil-antik bl-isem tat-*Tarağ tas-Seba' Sema*, ħaġa li kienu jemmnu l-ewwel Insara, kif inhu magħruf sewwa mill-kotba, mill-amuleti, mit-tinqix u t-tpinġija tagħhom.

Hemm ktieb, jismu t-*Testment tat-Tnaxer Patrijarka*, li min kitbu jistħajjel li għamel is-safra, fil-għoli, u għadda mis-Seba' Tarġiet tas-Sema, flimkien ma wieħed mill-Anġli; u jfisser it-tfixkil li ltaqa' miegħu: ilma, silġ, nar, għodda tal-għażib, u dlam. Kien hemm ukoll (dejjem kif hemm miktub) wisq xorta ta' rwieħ tajba biex jgħinuh jasal, u rwieħ ħżiena, biex ifixkluh fi triqtu lejn Alla. Kull waħda mit-tiġribiet, għandha l-imkien, jew tarġa, tagħha, li flimkien jagħmlu t-Tarağ tas-Seba Sema. Tifsira oħra bħal din, imma b'wisq aktar irqaqât tinsab ukoll miktuba fit-*Tieni Ktieb ta' Enok* (kk. III-XX) u fi *Tlugħ is-Sema ta' Isajija* (kk. VII-X). Fit-*Tielet Ktieb ta' Barûk* (kk. II-XVI) jissemma wkoll dan it-tfixkil, imma t-tarġiet tas-sema jgħid li huma ħamsa, m'hux sebgħa. Issa, dawn il-kotba kollha kienu mxerrda u moqrija fil-Palestina, fl-ewwel żmenijiet tal-Insara, għal hekk dan l-istħajjil kien mitwemmen l-aktar fost in-nies ta' nisel Lhudi. U ġewwa l-oqbra tal-Lhud-Insara, wisq drabi jinsabu lwieħ irqaq tad-deheb jew tal-fidda, li fihom imfisser it-Tarağ tas-Seba Smewwiet. Il-għan ta' dawn il-lwieħ jidher x'kien, għax dejjem jinsabu mqegħda ma' ġenb ħalq il-mejjet, minn fejn kienu jemmnu li toħroġ ir-ruħ; biex ifiehem lil dik ir-r u ħ x'għandha tagħmel biex tiġbed lejha r-rwieħ it-tajba ħalli jgħinuha fis-safra tagħha lejn is-Seba' Sema, fejn jinsab Alla (dejjem kif kienu jemmnu huma) u tbiegħed minnha lir-rwieħ il-ħżiena, biex ma jfixkluha. Il-kliem li jkun fihom miktub dawn il-lwieħ, ma hux bgħid wisq mit-talb tal-knisja, li għadu s'issa jingħad għal mejtin u r-ruħ tagħhom.

Din il-fehma tas-Seba' Smewwiet, jew Seba' Tarġiet tas-Sema, ħalliet l-atar tagħha fit-tiswir jew tpinġija bħal ma jidher fil-fdal tal-knisja ta' Bet Ha-Xitta, fil-Galilija; il-kotba tal-Lhud-Insara jitkellmu fuq kif sidna Ġesù Kristu niżel mis-sema fl-art, u tala' mill-ġdid, mill-art għas-sema, u fis-safra l-waħda u l-oħra, għadda mis-Seba' Tarġiet. U din il-fehma wkoll tinsab imfissra f'xi xbieħat imwaħħra tat-Telgħa ta' Kristu s-sema, bħal ma hemm, fost imkejjen oħra, fil-mużajk tas-seklu XII, fil-knisja ta' san Mark ta' Venezja. Hemm jidher Ġesù merfugħ mill-Anġli, u saqajh qegħdin fuq żewġt iq-

wâs, u 'l ġewwa minnhom jidhru ħames dawriet, il-waħda fl-oħra, magħmula b'lewnijiet magħżula. Iż-żewġt iqwâs u l-ħames dwawar, jagħmlu sebgħa, jiġifieri s-seba Tarġiet tas-Sema, li Ġesù għadda minnhom hu u sejjer mill-ġdid għand Missieru, bħal ma jidher li kienet il-fehma fit-tàlb tal-mejtin li semmejna. Il-pittur Flamingu, Hieronimus Bosch li għex fis-seklu XV, fl-inkwatru tal-ġenna li pinġa, għamel xbiha tas- Seba' Smewwiet, f'għamla ta' lenbut b'ħames ċrieki ġewwa fih, ċirku iżgħar mill-ieħor (ara l-ktieb ta' G. Dorfles, "Bosch", mitbugħ għand Mandatori, 1953). Jidher minn dan, li sa daż-żmien, is-Seba Tarġiet tas-Sema, kienu għadhom ma ntesewx għal kollox.

Fl-Evanġelji ma hemmx tismija ċara ta' *Seba' Smewwiet*, imma msemmi wisq drabi "smewwiet", m'hux "sema". San Pawl jgħid, fit-Tieni Ittra lil Korintin (XII, 2), li hu darba tala' sat-tielet sema. San Ġwann fl-Evanġelju tiegħu (XIV, 2) jgħid li Ġesù qal li fid-dar ta' Missieru hemm "wisq taqsim", u dal-kliem fl-antik ittieħed li jfisser il-waqfiet fis-safra għad-dinja l-oħra. Għal hekk jidher li l-Insara ewlenin żammew din il-fehma bla biża' li jidinbu. Aristôn ta' Pella, l-ewwel wieħed li ssielet mal-Pagani għad-Din Nisrani, kien jemminha. San Ġustinu Martri kien jaf biha (PG, 6, 451), u san Pilastriju jgħid li min jemmen bis-Seba' Smewwiet, ma jkunx għiejed jegħlet (PL, 12, 1206).

Imma fl-aħħar, aktar ma bdiet tinħadem sewwa t-Teoloġija Kattolka, aktar bdiet tonqos il-fehma tas-Seba Smewwiet, l-aktar bis-saħħa tat-tagħlim fuq il-Purgatorju. Linnies tal-lum, din il-fehma tidher materjali u fantastka, qisha bħall-istħajjil li hemm fil-Kummiedja ta' Dante. Imma jekk tħares lejha min-naħa oħra, issib li dil-fehma hija bħala xbieha ta' ħaġa minnha: jiġifieri, li biex wieħed jidħol fil-hena tas-Sebħ t'Alla, irid qabel jissaffa minn ħtijietu, u jistħoqq dik il-hena, billi jgħaddi minn kemm il-xorta ta' tiġrib u tbatija. Għax biex taqla 'l-ħajja ta' dejjem, trid taħdem xogħol jiebes għaliha. U f'dil-ħidma meħtieġa l-għajnuna tal-Anġli u l-qaddisin biex dak li jkun ma jingħalebx mill-għedewwa. Għal hekk, il-knisja tagħmel sewwa li żżomm it-talb li jfakkar il-mogħdija jiebsa minn din id-dinja tan-niket u dnub, għad-dinja tal-Mulej, tal-hena u l-qdusija.

P. BELLARMINU BAGATTI, O.F.M.

# QWIEL TAL-PALESTINA

Milgħûn min jaxrab minn bîr u jarmi fih ħaġar. *Misħut min jixrob minn bîr u jixħet fih ġebla.* Ħażin għal dak il-bniedem li jagħmel id-deni lil min għamillu l-ġid. In-nies tar-rħula hawn Malta jgħidu lit-tfâl li min jixħet ġebla ġewwa bir, nhar il-Ħaqq, Alla jġiegħlu itellagħha bi xfar għajnejh.

*Li ma jatîq il-ġâr, jirħel mid-dar.* "Min ma jistax jinħamel minn ġaru, jaqbillu jitlaq minn daru". Għax la ma tkunux tistgħu taqblu, il-lum, jew għada jkollkom xi tgħidu. Mela aħjar titlaq bis-sliema.

# IZ-ZWIEG FI ŻMIEN IL-BIBBJA

Il-familja, bħala sies tax-xirka ta' wlied Adam, twaqqfet minn Alla n-nifsu, meta ħalaq l-ewwel raġel u mara, kif hemm miktub fil-Ktieb tan-Nisel, II, 24: "Għal hekk ir-raġel jitlaq lill-missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu, u t-tnejn isiru ġisem wieħed". F'dawn il-kelmiet jinsab il-għan naturali taż-żwieġ, u l-Liġijiet tat-twaqqif tiegħu. Il-ħâl tar-raġel għażeb li qabel kien wieħed, jinbidel biż-żwieġ f'ħâl ta' tnejn, raġel u mara, li għandu l-għan li jwassal fit-temma tal-wieħed u ta' l-oħra, f'għaqda sħiħa li tfittex il-ġid tat-tnejn f'daqqa; u ħin wieħed tfittex ukoll li tiġġedded fit-tnissil tal-wlied li jitwieldu minn din il-għaqda.

*Żmien il-Patrijarki* — Il-qagħda tal-mara miżżewġa fi żmien il-Patrijarki kienet nieqsa minn wisq jeddijiet, li mbagħad Ġesù fi żmien il-ħidma u x-xogħol tiegħu fuq l-art fittex li jarġa' jwaqqafhom u jagħtihom is-sura li tixirqilhom.

F'ħafna nħawi tal-Kotba mqaddsa tal-Għaqda l-Qadima, jidher li l-mara kienet meqjusa ta' wisq anqas mir-raġel. Hekk, bħalli kieku jekk il-mara tiled bint, kienet tkun magħduda bi mniġġsa għal żmien wisq itwal minn meta tkun wildet iben. B'dana kollu x-xogħol taż-żwieġ kien jitmexxa wisq aktar bil-għaqal fost il-Lhud milli fost in-nies ta' ġnus oħra. Għal hekk ma tistax tgħid li kien jaqbel għal-Lhud ta' żmien il-Għaqda l-Qadima dak il-qawl Ruman li jgħid: "Il-mara għandha tgħodd lil żewġha bħal ma l-ħmara tgħodd lil sidha; tgħaddas rasha u timxi dejjem fejn jeħodha". Issa nħallu dan u naqbdu ħaġa oħra.

Id-drawwa kienet fi żmien il- Għaqda l-Qadima li hu jedd u dmir tal-missier li jsib mara lill-ibnu. Hekk Abraham bagħat l-ixjeħ u l-aktar qaddej emîn li kellu, li kien jeħodlu ħsieb ta' daru u ta' mielu, biex isib għarusa għal ibnu Isħâk; qallu: "Mur f'arti, fost qrabati, biex iġġib mara lill-ibni (Ktieb in-Nisel, XXIV, 4). Jekk l-iben ikun għażel xebba qabel minn rajh, biex jeħodha b'martu kien jeħtieġ li l-għażla tal-iben, biex tiswa, tkun imwettqa mill-missier quddiem ix-Xjuħ tal-belt. Għandna b'turija ta' dan il-ġrajja ta' Xamxûn, li qal lil missieru u 'l ommu: 'Rajt xebba f'Tamna, bint il-Filistin, li nitlobkom teħduhieli b'mara" (Ktieb l-Imħallfin, XIV, 2). B'dana kollu kien jedd ta' missierha jekk iħalliha tiżżewweġ jew le. Kien ukoll il-jedd ta' missier ix-xebba li jitlob minn missier il-għarus jew mill-għarus in-nifsu flus, jew bhejjem, jew raba, jew żmien ta' xogħol, bħala ħlas talli kien sa jagħtih lil bintu b'mara. Hekk naraw li għamel Laban meta ġiegħel lil Jagħkub jaħdimlu erbataxer sena biex jieħu b'mara lil Raħla. Drabi wkoll ix-xebba kienet tingħata lir-raġel bħala ħlas ta' xi egħmil qalbieni li jkun għamel, l-aktar fi żmien ta' gwerra. Hekk Sawl fittex raġel li jkollu qalb kbira li jaħbat għal ġgant Għulija, u xandar l-aħbar li: "Min joqtol lil ġgant, is-Sultan jagħnih b'ġid kbir, u jagħtih lil bintu b'mara!" (I Ktieb ta' Sam-wel, XVII, 25).

*Għal ħabta ta' żmien Kristu* — Minn xi mitt sena qabel Kristu sa xi mitejn sena wara, hemm Liġijiet magħrufa sewwa li jieħdu ħsieb il-jeddijiet tal-mara li tgħaddi minn dar missierha għal dar żewġha. Fil-kit-

biet il-qodma tal-Lhud il-kelma "Nasaħ" kienet tfisser il-bidu ta' kull xogħol li kellu x'jaqsam maż-żwieġ, mingħajr ma tagħmel għażla bejn żwieġ u egħrusija. Imma meta wieħed kien irid ifisser aktar sew, kien jagħmel għażla ċara bejn egħrusija u żwieġ. U żwieġ kien jittieħed li jfisser id-daħla tal-mara għal kollox ġewwa dar żewġha.

Qabel iż-żwieġ kienet issir dik li jgħidulha *rabta*. Ir-raġel li kien irid jiżżewweġ kien jibgħat isaqsi lix-xebba li jkun għażel jekk kenitx tridu b'żewġha. Imma l-qofol tal-egħrusija kien ikun dejjem f'idejn missier ix-xebba. Dan kien li jaqta' kemm ġid u ġież kellha tieħu x-xebba, u qabel kollox, kemm flus ir-raġel kellu jwiegħed u jirtabat li jagħti, lilu, sewwa jekk il-mara tibqa' miegħu għal dejjem, sewwa tmutlu wara ftit żmien, jew għal ħaġa jew oħra, jidhirlu li għandu jitlaqha. Dan il-ftehim kien ikun imsaħħaħ mil-Liġi, u jrid ikun hemm raġunijiet kbar u ċari biex jitwettaq dat-tahsir taż-żwieġ.

Il-għomor taż-żwieġ, kien, għal bniet m'hux anqas minn tnaxer sena, u għas-subien m'hux anqas minn tmintax. San Pawl ifisser dmir missier ix-xebba fejn imiss iż-żwieġ tagħha. Fl-Ewwel Ittra lil Korintin (VII, 16-38), kiteb fil-qosor, dal-kliem: "Jekk xi ħadd jemmen li meta x-xebba tisboq għomor iż-żwieġ u ma tiżżewwiġx, ikun għajb, u għal hekk jagħżel li jżewwiġha, jagħmel kif jogħġob lilu".

Barra minn dan li semmejna fuq, il-Lhud tal-qedem kienu jagħrfu tliet xorta ta' żwieġ, u kellhom qawl li jgħid hekk: "Tlieta huma t-toroq li bihom tista' tieħu mara: bil-kitba, bil-flus, u bil-għemara". Bil-flus jiġifieri meta l-għarus iħallas il-flus talgħarusa, lill-missierha; bil-kitba, meta l-għarus iwiegħed b'kuntratt, x'għandu jagħti lil missierha wara ż-żwieġ; u bil-egħmara, meta l-mara u r-raġel imorru jgħammru f'dar waħda, minn rajhom. Sa fejn għandha x'taqsam l-aħħar drawwa, għal kemm kienet magħrufa u mgħoddija mir-Rabbin Lhud, dejjem kienet magħduda bħala ħaġa li ftit tiġri, għax il-Liġi tal-Lhud kienet trid li l-għarusa għandha tkun verġni. Kien ikun magħdud b'ġiħ kbir għall-għarus li jkun jista' juri l-verġnità ta' għarustu f'jum in-"Niss'in", (jum iż-żwieġ). Din il-hemma tal-verġnità kienet tidher ukoll fejn għandhom x'jaqsmu l-flus li jitħallsu lil missier il-għarusa. Il-"ketuba" jew ħlas tax-xebba verġni kien jintala' sa mitejn dinâr; u ta' mara armla, jew imtellqa minn żewġha, ta' m'hux aktar minn mija.

*Il-għors taż-żwieġ* — Iż-żwieġ kien isir dejjem b'għors u xalata. Il-għarus, imsieħeb minn sħabu u qrabatu, kien imur id-dar tal-għarusa fost il-għajjat ta' ferħ, biex iseħibha għall-ikla tat-tieġ, li kienet issir fid-dar ta' missieru. Għors bħal dawn jinsab imfisser fl-Ewwel Ktieb tal-Makkabin (IX, 37-39): "Ftit wara l-qtil ta' Johànan, ingħad lil Ġonata u lil Xmun ħuh, li Ulied Jambri għamlu għors kbir, u kienu ġejjin, ferħana, minn Màdaba, bil-għarusa, li kienet bint wieħed mir-rjus il-kbar tal-Kanghanin. U huma ftakru fiddemm ta' ħuhom Johànan, u telgħu u nħbew taħt għolja. Refgħu għajnejhom u raw ġilwa kbira ta' nies. Imbagħad il-għarus, u warajh ħbiebu u ħutu ġejjin jilqgħu l-ġilwa, mexjin, idoqqu l-otbla u ż-żmamar, u f'idejhom l-għodda tat-taqbid". L-armi, jew għodda tat-taqbid, kienu jeħduhom biex aktar tkun sabiħa l-ġilwa,



*Palestina — Tieġ tal-Għarab Misilmin. Il-għarusa riekba fuq il-bagħal u n-nisa jseħbuha u jkantaw quddiemha.*

k'f għadu jsir issa wkoll f'dawn l-artijiet (*).

Xi drabi wkoll kien jiġri li l-ikla tat-tieġ issir fid-dar tal-għarusa, bħal ma jidher mill-Evanġelju ta' san Mattew (XXV, 1-10), li minnu wieħed jista' jifhem li bħal ma l-għarus kien jiġi msieħeb minn ġemgħa ta' ħbieb, hekk ukoll il-għarusa kien ikollha l-ġemgħa ta' ħbieb tagħha, ferħana. Waqt l-ikla l-ħaddara kienu jgħannu għana ta' barka lill-għarajjes (**), kif inhu msemmi wkoll mill-Profeta Ġeremija (VII, 34), meta kiteb li Alla qal: "Jiena nsikket mill-bliet ta' Jehuda u minn Ġerusalem il-għana ta' ferħ u faraġ lill-għarus u lill-għarusa, għax il-pajjiż isir jixbaħ lix-xôri".

Kienet ħaġa li taqbel sewwa malħajja Dinija tal-Lhud li ż-żwieġ jitbierek b'barka barranija qabel ma jgħaddi ż-żmien tal-għors, li drabi kien idum sejjer ġimgħatejn sħaħ. Għal hekk, quddiem il-għarajjes li jkunu b'idejhom marbuta, missier il-għarus kien jgħid barka, li fiha kien jitlob ġid u hena lill-miżżewġin ġodda u lill-ulied li kellhom jitwieldu minnhom. Hekk kien jintemm għid iż-żwieġ, b'dehra sħiħa ta' Din u qdusija, u li Ġesù wkoll għoġbu jagħnih bi ħdârtu, meta mar m'Ommu u xirkietu fit-tieġ ta' Kana.

**P. FEDERIKU RAURELL**
*O.F.M. Cap.*

(*) Hawn il-kittieb qal li l-għodda tat-taqbid kienu jeħduha bħala żina, imma dan ma għandux ikun għal kollox minnu. Għax drabi, kif kienu jkunu għaddejin bil-għarusa riekba fuq bagħal jew żiemel jew ġemel, minn qrib xi raħal, nies ir-raħal kienu jaħbtu għaliehom u jeħdulhom il-għarusa, u ma jerġgħux jagħtuhielom jekk ma jħallsux kemxa sewwa ta' flus tagħha. Dan kien għadu jsir ħafna drabi qabel ma daħlu l-Palestina l-Ingliżi fl-1917, u ġara xi darba 'l hawn u 'l hemm ukoll wara. Fir-raħal ta' Bejt Ġibrin fl-1930 saret ġlieda fuq hekk, u (dejjem kif intqal dawk in-nħawi) sfaw feruti disa' min-nies, uħud minnhom imweġġgħin sewwa.

(**) Dan għadu jsir issa wkoll; aqra l-kitba "Lejliet it-Tieġ", ta' Patri Salim Habib, fl_aħħar għadd ta' dan il-Qari tas-sena 1961 faċċata 120. (Noti tad-Direzzjoni).

# SAN MARON

## (LI WAQQAF IR-RHIEB U L-KNISJA MARONIJA)

Bħal ma ftit wisq huwa magħruf fuq qaddisin oħra ta' dik il-ħabta, hekk ukoll ftit wisq huwa magħruf fuq il-ħajja ta' san Marôn. Ma hux magħruf sew fejn u meta twieled, anqas fejn u meta miet; anqas ma hu magħruf b'ħaqq l-imkien fejn għadda ħajtu. Saħansitra kien hemm min wasal biex ħaseb li san Maron qatt ma kien fid-dinja. Ħasbu xi nies li r-Rħieb Maronija, li hemm wisq minnhom f'Libnân u s-Surija, setgħu ħadu l-isem m'hux mill-qaddis li sejjisħom, imma minn raħal żgħir jismu Marônja fuq ix-xatt tax-xmara Orontes, xi sitt mili bgħid minn Antjokja. Imma l-lum ħadd ma jista' jiċħad xi ġrajjiet magħrufa fuq san Marôn. Għal hekk ħawn sa naraw ftit x'inhu magħruf fuqu, ġrajjiet ċerti u xnijât; jiġifieri kitba ta' żmienu u għidut tan-nies.

*Kitba Ewlenija* — Hemm żewġ kitbiet ta' żmien dan il-qaddis li ħadd ma jista' jmeriħom; l-ewwel kitba hija ittra li san Ġwann Fomm id-Deheb (Khrisostomos) kiteb lil dan il-qaddis fiż-żmien li kien minfi fl-Armenja, għal ħabta tas-sena 404 jew 405 (ara Migne: "P a t r o l o g i a Graeca", tomo LII, kol. 630), li fiha dan il-qaddis isemmi lil san Marôn bħala "qaddis eremita". Din hija xhieda ta' wieħed li għex fi żmien san Marôn in-nifsu u li kien jafu sewwa. It-tieni hija kitba miktuba 25 sena wara din tal-ewwel (sena 430) u kitibha Teodoretu Isqof ta' Qurux (Cyrrhus) li fiha mfisser bir-reqqa kif kien jgħix il-qaddis Marôn u kif kien imexxi il-għeliema jew *dixxipli* tiegħu (ara Migne, "Historia Religiosa", Pat. Graeca, LXXXII, Koll. 1418 u 1431). Hu magħruf sew li Teodoretu twieled f'Antjokja fis-sena 393 u li san Marôn miet għal ħabta tas-sena 410. Għal hekk Teodoretu fi tfulitu sata' kien jaf sewwa lix-xwejjaħ san Marôn li kien jgħix bgħid minn Antjokja mix-ja ta' jumejn. Hekk jew hekk, Teodoretu kien jaf tajjeb lil san Ġakbu, għalim, jew *dixxiplu* ta' san Marôn; u hi ħaġa minn awl id-dinja li dar-Râħeb, Ġakbu, kien iħobb isemmi u jitħaddet fuq l-Imgħallem tiegħu.

Minn dan iż-żmien (sena 430) sal bidu tas-seklu VI ma jinsab miktub xej aktar li għandu x'jaqsam ma' san Marôn; fil-bidu tas-seklu Sitta tibda tissemma binja kbira fil-wied tax-xmara Orontes, m'hux bgħid wisq mill-belt t'Afamja, fejn il-lum jgħidulu Qalgħat il-Mudîq. Dil-binja kienet Dejr li fih kienu jgħammru mijiet ta' Rħieb, li kienet ukoll magħrufa bl-isem ta' Dejr il-Ballûr. Darba waħda, waqt tilwima, l-Insâra Ġakobin tas-Surija, ħabtu għal dad-Dejr u qatlu 350 Raħeb minn dawk li kienu jgħammru fih. Għadha tinsab ittra li r-Rħieb li baqgħu ħajjin kitbu lil Papa san Hormida, fis-sena 517 li għaliha l-Papa wieġeb fis-sena 518 (ara l-ktieb ta' Mansi: "Sacrorum Conciliorum Nova et Ammplissima Collectio", vol. VIII, koll. 425-429). Imbagħad kittieb ieħor, Prokopju, li miet fis-sena 565 jgħid kif l-Imperatur Ġ u s t i n j a n u raġa' bena s-swar ta' ma' dwar dak

id-Dejr li kienu ġarrfuhom il-Ġabo-bin. Imbagħad hemm ukoll ittra miktuba mir-Rħieb ta' Dejr san Marôn lill-Isqfijiet tas-Surija t-Tienja, jew *Syria Secunda*, u l-isem tal-Abbâti ta' dak id-Dejr miktub fil-Konċilju ta' Kostantinopli, fis-sena 536. Dan kollu juri l-isem kbir li kellu dak id-Dejr u li l-Abbâti tiegħu kien fuq l-Abbatin kollha tas-Surija t-Tienja.

Kittieba Għarab ukoll isemmu dan id-Dejr. Il-Masgħûdi jsemmih fil-ktieb tiegħu: "It-Tanbiħ u l-Ixrâf", u Abu l-Fida (1273-1331) isemmih ukoll fil-kitba tiegħu: "Tarîħ il-Baxar", u jgħid li l-Imperatur Marċjanu kien kabbar dan id-Dejr.

*Il-Ħajja ta' san Marôn* — Kif wieħed jista' jifhem san Marôn twieled għal ħabta tas-sena 350, jew fil-belt ta' Marônja, kif jgħidu x'uħud, xi tletin mil bgħid minn Antjokja; jew fil-belt ta' Antjokja nfisha; inkella f'Qurux, kif jgħidu oħrajn. Niesu kienu Insâra imma dik in-naħa kien għad baqa' għadd kbir ta' Pagâni, u l-Ħakma, li kienet Rumija, kienet Pagâna wkoll. Il-lsien li mitkellem dik in-naħa kien il-Grieg. Missieru kien bir-raba u jrabbi l-bhejjem, u wkoll jaħdem il-ġild, li mbagħad ibiegħu f'Antjokja. Marôn kien waħdu tifel fid-dar u kellu ħutu żewġt ibniet, għal hekk it-tama ta' niesu kienet fih. Kellu moħħu tajjeb wisq u missieru ried jibgħatu jitgħallem f'Antjokja, imma ommu, li kienet tisma' li f'dik il-belt kien hemm qatiegħ nies ħżiena, ma reditux imur. Fl-aħħar ir-rieda ta' missieru għelbet u Marôn mar jitgħallem hemm. Xortih kienet tajba għax f'dik l-iskôla kien hemm jitgħallem ukoll żagħżugħ Nisrâni ieħor li 'l quddiem kellu jkun san Ġwann Fomm id-Deheb (san Ġwanni Krisostmu), Patrijarka t'Antjokja. Kien hemm ukoll wieħed Pagan aħrax għall-aħħar jismu Naro, li meta kiber ried jeħodha mar-Rumin u jkeċċihom mis-Surija.

Marôn temm it-tagħlim tiegħu meta kellu 25 sena, u ma'tul dak iż-żmien kien ukoll sar qassis. Meta raġa' lejn id-dar aktarx li missieru kien laħaq miet, għax Marôn ma qabadx ix-xogħol tar-raba u l-bhejjem, imma telaq id-dinja u mar joqgħod waħdu fuq għolja qrib il-belt ta' Qurux.

Fuq dil-għolja kien hemm tempju tal-Pagâni, imġarraf u mitluq, u Marôn sewwieh u għamlu bħal knisja tal-Insara u kien iqaddes ġewwa fih. Hu kien joqgħod dejjem fil-beraħ, lejl u nhar, imma meta kienet tagħmel ix-xita jew jinżel is-silġ, kien jidħol f'għarîx tal-ġild tal-mogħoż, li kien waqqfu u dawwru b'ħajt. Dan kollu megħud fil-kitba ta' Teodorêtu li semmejna l-ewwel. Kien jgħaddi ljieli sħaħ fit-talb u l-għana tas-salmi, u kien isûm kulljum u jgħaddi ħinijiet twal għar-rkubtejh jaħseb fil-ħ w e j j e ġ t'Alla.

Qatt ma kien joħroġ mill-bitħa jew għalqa tiegħu ħlief meta jiġu n-nies iżuruh. U kien joħroġ biss biex ikellimhom u jħajjarhom jgħixu ħajja tajba u jsabbarhom fi ħmumhom. Kif kiteb ukoll Teodoretu, san Marôn kien ifejjaq il-mard tal-ġisem kif ukoll il-mard tar-ruħ. Bi kliemu kien iġiegħel lil midinbin ibiddlu ħajjithom billi jneħħu minn qalbhom il-mibgħeda, minn ġisimhom iż-żena, minn ilsienhom il-gideb u minn ħsiebhom ix-xeħħa u s-serq. Għal hekk kotra ta' nies kienu jmorru jżuruh u jisimgħu kliemu u jitolbuh il-barka.

Fuq it-turija tiegħu għadd ġmielu

ta' rġiel u nisa ħallew id-dinja u marru jgħixu fil-egħrien fuq il-għolja fil-qrib tal-għarîx tiegħu, biex bissaħħa tiegħu jeħelsu mill-ħażen taddinja. Lil dawn Marôn drabi kien jorħoġ idurhom u jgħallimhom kif kellhom jgħaddu ħajjithom biex jagħmlu r-rieda t'Alla. Għal dan Teodoretu Isqof ta' Qurux kiteb hekk: "Marôn kien bħala ħaddiem filġnien t'Alla; għax bil-ħidma tiegħu nibbet u kabbar wisq xtieli tal-qdusija, li fetħu nwar u ward ta' ġmiel u fwieħa kbira għas-saltna tas-Sema!'

Kemm kienet imsemmija l-qdusija tiegħu jidher mill-ittra li kitiblu san Ġwann Fomm id-Deheb, fis-sena 404 jew 405. San Ġwann kien Patrijarka u san Marôn ma kienx għajr naqra ta' Râħeb Eremita. San Ġwann meta kien imkeċċi u minfi minn pajjiżu, lil san Marôn, fost kliem ieħor kitiblu hekk: "Ir-rabta ta' għożża li biha marbutin jien u inti, għad li int bgħid minni, iġġiegħlni li narak dejjem quddiem għajnejja. . . ma dil-ittra nibgħatlek it-tislijiet tiegħi u nagħtik kelma sħiħa li jien dejjem naħseb fik, għax il-qima li għandi lejk hija tas-sew kbira. . . . qis li kull meta jkollok in-newba, tagħtini l-aħbâr tiegħek, għax l-aħbâr tiegħek issabbarni u tfarraġni fin-nefa li ninsab fih. Haġa waħda rrid minn għandek: li inti titlob dejjem 'l Alla għalija!"

Il-qaddis Marôn aktarx li miet fissena 410. Miet imdawwar bil-għeliema jew *dixxipli* tiegħu li kienu jgħammru fuq il-għolja, ġewwa l-egħrien qrib fejn kien jgħammar hu. San Marôn qabel ma miet talab li jindifen fil-qabar ta' wieħed Râħeb qaddis, fost l-ixirka tiegħu, li kien miet qablu, li kien jismu Żabin. Imma r-rieda tiegħu ma seħħetx, għax difnuh fl-eqreb raħal minn fejn kien jgħammar u fuq qabru bnew knisja.

L-ixirka ta' san Marôn malajr kotru u xterdu ma' dawk l-inħawi kollha u wisq minnhom kienu msemmija għal qdusithom. L-aktar li kien imsemmi hu san Żabin u mbagħad san Ġakbu; u wrajhom san Lemnaw u san Musa, sant'Antôn u sant Antjoku. Teodoretu jsemmi wkoll nisa tajba fix-xirka ta' san Marôn. Fost dawn kien hemm Domna, Kuwa u Marâna, li kienu jgħixu ħajja t'Eremiti qrib id-dar tagħhom.

Dan hu ftit, imma qisu kollox, li wieħed jista' jagħraf fuq san Marôn, il-qaddis li sejjes ir-Rħieb Marônin u l-knisja Maronija.

P. EWGENJU HOADE, O.F.M.

## FAXXIKLI MEHTIEGA

Wieħed sinjur ħabib tagħna talabna naraw nistgħux insibulu xi faxxikli li għadhom jonqsuh biex jillega flimkien il-kollezzjoni kollha ta' "Leħen l-Art Imqaddsa". Aħna sibnielu xi tnejn, imma l-oħrajn, għal kemm fittixna u saqsejna, ma stajniex insibuhomlu. Il-Faxxikli li għadhom jonqsuh huma dawn: 1955, għadd; 3 u 4; 1956, għadd 2, 3 u 4; 1957, għadd 2 u 3. Jekk xi ħadd għandu dawn in-numri u ma għandux bżonnhom u jrid jibgħathomlu, hawn, il-Kunvent ta' Ġieżu, dan is-sinjur jirringrazzjah ħafna u huwa pront biex iħallas tagħhom.

# IL-KNISJA QOPTA ORTODOSSA

Fl-ewwel żmenijiet, l-Insâra, fl-Eġittu, kienu jinqdew bil-lsien Grieg fil-Liturġija tagħhom, l-aktar fil-bliet il-kbâr. Fir-rħula, imma, kienu jinqdew l-aktar bil-lsien Qopti, li kien il-lsien il-qadîm, ta' żmien il-Fargħuni. Għal hekk kellhom l-alfabet tagħhom Geroglifiku, li kien tqîl ħafna biex wieħed jaqrah. L-aqwa knisja tagħhom kienet f'Lixandra, u din għamlet ir-Rit tagħha. Meta Kostantinopli ġiegħel li l-knejjes kollha jinqdew bir-Rit Grieg, il-knisja Qopta baqgħet fit-twemmin tagħha monofisita, jiġifieri li f'Ġesù kien hemm natura waħda, imħallta f'Divîna u Umâna, m'hux żewġ naturi, magħżulin minn xulxin, kif kienet tgħallem il-knisja Universâli. Dan kien fis-Seklu Ħamsa (wara l-Konċilju ta' Kalċedonja, fis-sena 451). Dawn in-nies ma kenux jaqblu ma' dak li kien inqata' f'Kostantinopli, jew kif kienu jgħidulu dak iż-żmien Bisanzju, u l-knisja tagħhom baqgħet tinqeda sal-lum bir-Rit tagħha li kellha qabel. Meta fis-Seklu Sebgħa il-Għarab rebħu l-Eġittu, bil-qajl il-qajl, qalgħu barra l-lsien Qopti u daħħlu fi mkienu l-lsien Għarbi. U billi n-nies telqu u nsew il-lsien tagħhom Qopti, u tgħallmu l-Għarbi, il-knisja Qopta daħħlet il-lsien Għarbi fil-Luturġija wkoll.

## *IL-GĦAMLA TAL-KNISJA QOPTA.*

Il-knisja Qopta tkun imqassma f'erba' taqsimiet: l-ewwel qasma huwa l-Maqdes, jew *Santwarju*, li hu mifrûd mill-bqija tal-knisja b'ħajt tal-għewwied, jew *ikonostâsis*, li fih ikun hemm xbieħât ta' Kristu u tal-Madonna u tal-qaddisîn, li jkûn imnaqqax u mżejjen bl-avorju, bil-qroll, u bil-madreperla. Minn dal-ħajt 'il ġewwa, ijkun hemm l-artâl, bit-taraġ. Quddiem dal-ħajt, ikun hemm il-qasma tal-kleru, li hija wkoll mifrûda mill-qasma tar-rġiel, b'xatba, jew *konċell*, tal-ħadîd irqîq jew tal-għewwied. Minnu 'l barra joqogħdu r-rġiel, li jkûnu wkoll mifrudîn mit-taqsîma tan-nisa, li hi l-aħħar waħda, għax warajha jkûn hemm il-bieb ta' barra tal-knisja. Qrîb il-knisja, jew fis-sagristija jkûn hemm forn żgħir, li fîh il-qassisîn jaħmu l-ħobż tal-quddiesa. L-Insâra Qoptîn jidħlu l-knisja ħafjîn, imma b'rashom mgħottija. Il-Liturġija ssir bil-lsien Qopti, imma n-nies iwieġbu, xi nħawi, bil-Qopti, imma l-aktar bil-Għarbi. Il-lbies tal-qassisîn Qoptin qisu xorta waħda bħal tal-qassisîn l-oħra tax-Xerq. Il-Qoptin għandhom tliet xorta ta' Liturġija: waħda ta' san Kirillu, li hi l-Liturġija tas-sew Qoptija, li jinħaseb li kien bdieha san Mark l-Evanġelista; din jinqdew biha żmien wieħed fis-sena: fil-ġimgħa ta' qabel Ħadd iż-Żebbuġ. It-tieni hija ta' san Girgôr Nazjanzenu, u din jinkdew biha tliet darbiet fis-sena: fil-Milied, f'Għîd il-Ħammiem (Epifanija), u f'Għîd il-Kbîr. U t-tielet hi ta' san Bażilju li jinqdew biha fil-bqija tas-sena kollha.

## *IS-SAGRAMENTI*

1. *Il-Magħmudija.* Is-subien ikûnu mgħammda erbgħîn jum wara li jitwieldu, u l-bniet, wara tmenîn. Lis-subien, jekk ikun ijrîd missierhom (qishom kollha jkunu jrîdu), jagħmlulhom ukoll il-ħtîn, jew *ċirkonċiżjoni.* Ħadd ma jista' jgħammed għajr qassîs. Il-Magħmudija tingħata nhar ta' Ħadd qabel il-quddiesa. Il-Magħ-

mudija ssîr bit-tagħdîs, jiġifieri jgħaddsu fl-ilma t-tarbija kollha, m'hux jixhtûlha l-ilma fuq râsha biss. Wara l-Magħmudija, il-qassîs jitlob għallomm, u jirqi (jiġifieri *jiskonġra*) lit-tarbija, biex joħorġu minnha, jekk ikun hemm, xi rwieħ ħżiena. 2. Il-*Griżma*. Wara l-Magħmudija, sew tingħâta l-Griżma. Il-qassîs jagħmel il-Griżma lit-tarbija billi jidlikha biżżejt imbierek fi tletîn naħa, fosthom: fuq ix-xuftejn, fuq wiċċ idejha, fuq sidirha, fuq irkubtejha, fuq daharha, u fuq riġlejha. L-omm ma tistâx tmiss lit-tarbija qabel ma tkun midlûka kollha biż-żejt tal-Griżma. Wara dad-dlîk, id-djâknu jieħu lit-tarbija fuq l-artâl, fejn il-qassîs jidlikilha għajnejha, biex ijkunu mħârsa millmard (fl-Eġittu, fejn hemm l-aktar Qoptîn, hemm wisq mard tal-għajnejn). Wara dân tinbeda l-quddiesa, u wara l-quddiesa ssîr purċissjoni. 3. *Il-Qrar*. Min ijrîd iqerr, joqgħod għar-rkubtejh, u l-qassis jitlob għalîh u jbierku. In-niedem ijbûs riġlejn il-qassîs u jistqarr dnubietu. Drâbi l-qrâr ijsîr minn ħafna nies f'daqqa, fejn il-qassîs jaqra d-dnubiet u mîn ikollu xi dnûb minn dawk li semma l-qassîs, jistqarru, billi jâgħti daqqa fuq sidru. Daż-żmien ftît hemm nies li jqerru, billi jagħmlu bħal qassisîn, li ma jqerru qatt, għax jgħîdu li l-qrâr m'hux magħmûl għalihom. 4. It-*Tqarbîn*. Ir-raġel jitqarben bil-Ħobż u l-Inbîd, kull ħaġa għaliha, imma n-nisa bil-Ħobż, miblûl kemm-kemm fl-Inbîd. Qabel ilmewt fid-djâr, it-tqarbîn jingħâta bil-Ħobż biss. 5. Il-*Qsusija*, jew *Ordni Sagru*, jingħâta mill-Isqof biss, u jingħâta mingħajr dlîk, u bi ftit ċerimonji. L-Isqof iqiegħed idejh ittnejn fuq râs dak li jkûn, u jgħidlu: "Ilqa' fik Rûħ il-Qodos". 6. *Iż-Żwieġ*. Biex wieħed jiżżewweġ, jeħtieġ li jkollu mill-anqas erbatax-il sena, u waħda jeħtieġ li jkollha millanqas tnâx. Iż-Żwieġ ijsîr quddiem il-qassîs, billi l-għarajjes jiġu b'xemgħa mixgħula f'idhom quddiem l-artâl, u wara ħafna talb, il-qassîs iressaq ras il-għarajjes ma' xulxîn, u jgħattihom bi stâr abjad, waqt li huma jżommu id il-wieħed tal-oħra. Wara dân, il-għarûs jâgħti lill-għarûsa il-ħâtem u għotijiet oħra taddeheb, imbagħad il-qassîs iqegħdilhom klîl fuq rashom. Il-miżżewġin jistgħu jinfirdu bil-ħalla tal-Isqof tagħhom, u l-firda tingħâta għal waħda minn tliet ħwejjeġ: a), jekk wara seba' snîn, il-mara ma jkollhiex ulied; b), jekk il-mara u r-râġel ikunu ilhom seba' snin mifrudin b'rajhom; u ċ) jekk għal seba' snin il-mara u r-raġel ikunu jiġġieldu bla ma jaqtgħu.

*IT-TAGĦLIM NISRANI QOPTI*

Il-knisja, Kattolka Rumâna, u Griega Ortodossa, temmen u tgħallem li f'Ġesù Kristu hemm żewġ natûri magħżulîn minn xulxîn: natura ta' bin-Adam u natura t'Alla; il-Qoptîn imma jemmnu u jgħallmu li f'Ġesù Kristu hemm natûra waħda, li hija *ereżija*, maqtugħa mill-knisja Universali. Daż-żmien il-kleru Qopti jitħarreġ fi skôla għolja fil-Kajr, u hemm skôla oħra f'belt jisimha Helwân, għar-Rħieb Qoptîn. Il-Qoptîn għandhom ħafna tagħlîm li jixbaħ lit-tagħlîm Kattolku. Il-qîma tal-Qoptîn lejn il-Madonna, tisboq lil ta' kull ħadd, għax hi aqwa minn ta' kull xorta ta' Nsâra oħra tax-Xerq. Fil-Kalendarju Qopti hemm tnejn u tletin jûm bħala għejjieda lil Madonna. Il-Qoptîn ma jemmnûx li l-knisja għandha rajjes fid-dinja, jiġifieri Pâpa

imma jemmnu li r-Rajjes tagħha huwa Ġesù Kristu. Il-moħqrija tal-Misilmîn, għal żmien twîl u bi ħruxija kbîra, baxxiet wisq, u ħassret, id-drawwiet tal-Insâra Qoptîn, li fil-qedem kellhom qaddisîn kbar u xmux tal-għerf fit-tagħlim tal-knisja. Fost il-qaddisîn u għorrief kbâr tal-knisja Qopta, hemm Oriġênes, sant' Atanâsju, san Kelment ta' Lixandra, u san Kirillu.

Ħtija tal-faqar u l-injuranza li fihom jinsâbu l-Insâra Qoptîn dażżmien fl-Eġittu, għadd kbîr minnhom għedîn jaqilbu Misilmîn, għal hekk qiegħed isîr xogħol kbir fosthom, u tingħâta għajnûna kbîra lilhom, sa fejn tlaħħaq in-nefqa, mill-Franġiskani tat-Terra Santa, biex kemm jista' jkun jiġbdu minnhom u jgħaqqduhom mal-knisja Kattolka.

K.D.M.

## AHBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

**Il-Marda tal-Patri Kustodju** — Ir-Rev.mu Patri Kustodju tat-Terra Santa, li mar l-Italja għal-Kapitlu Ġenerali tal-Ordni, ħassu ħażin sewwa kif kien hemm u kellhom jeħduh l-isptar għal kura. Dam l-isptar aktar minn xahar, imm aissa għadda għall-aħjar; u jekk Alla jrid, wara li jistrieħ ftit, kif wissewh it-tobba, jarġa għax-xogħlijiet tiegħu fl-Art Imqaddsa. Bħal issa qiegħed jagħmilha ta' President Kustadjali ir-Rev.du Patri Injazju Mancini, Direttur ta' Casa Nova.

**Zewg Deputati Kattolki minn Gerusalmm** — Wara r-rewixta li nqalgħet il-għada tal-Għid il-Kbir din is-sena, il-Majestà tiegħu r-Re Husejn tal-Ġordanja, ħall il-Parlament u wara ftit, bil-kwiet u bil-għaqal, il-poplu għażel membri ġodda. Fost il-ħamsa li kienu magħżula mid-Distrett ta' Ġerusalemm, tnejn minnhom huma Kattolki Latini: s-sur Emilju Sâfja u s-sur Mattija Marrûm.

**Glieda oħra bejn il-Gordanin u l-Lhud** — Ġlieda oħra, żgħira saret, fil-25 t'Awissu bejn is-suldati Ġordanîn u l-Lhud, f'Ġerusalem. Il-Ġordanîn minn fuq is-sur tal-Belt il-Qadima, u l-Lhud mill-art, tal-Belt il-Ġdida. Damu jisparaw fuq xulxin sa kemm ġiet il-Kumissjoni tal-UNO u sikktithom. Bħal ma dari, kull naħa tat il-ħtija lin-naħa l-oħra. Il-Għarab qalu li l-Lhud bdew jgħajjruhom minn fuq il-bjut, u l-Lhud qalu li l-Għarab bdew jixħtulhom il-ġebel minn fuq is-sur. Bl-isparar saret xi ftit tal-ħsara fid-djar u fl-iskola tal-Armeni, Insara, imma ma miet ħadd.

**Glieda harxa bejn il-Lhud u s-Sirjani** — Min-nhar il-Ħadd, 18 t'Awissu, sa nhar it-Tlieta, il-20, kien hemm ġlied aħrax bejn ir-Sirjani u l-Lhud fuq il-ħdud jew "fruntieri" tagħhom. Il-Lhud qalu li l-ġlieda bdiet għax is-Sirjani daħlulhom f'arthom u qatlulhom żewġ bdiewa li kienu sejrin lejn darhom wara x-xogħol. Sar ħafna sparar minn naħa l-waħda u l-oħra fl-art, u taqbida wkoll fl- ajru bejn il-"fighters" taż-żewġt iġnus, fuq il-Baħar ta' Tabarija. Il-Kumissjoni Mħallta tal-Armistizju tat il-ħtija lis-Sirjani, għax mit-tiftix tagħha tgħid li għarfet li huma kienu l-ħtija tal-bidu tal-ġlied.

# REQUIESCANT IN PACE

*Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.*

IL-BELT. Ġiuseppe Ġianmaria u Franċesca Busuttil. Franċisca Buhagiar. Carmelo u Vincenzo Fenech. Rosario Saliba. Fredu Broninina. Conċetta Cassar. Rosina Muscat Melita u Marianna Butigieg. Ġeorġio u Ġeorġia Cini. Fredu Attard. Mary Tabone. Carmelo Salvu u Carmela Zahra. Ċettina u Teresa Tabone. John Vella. Marianna u Lorenzu Vella. Rafaele Lugherno. Michele u Ġiovanni Caruana. Tona u Francesco Camilleri. Salvu u Conċetta Tanti. Manuele u Rosaria Abela. Spiru u Maria Caruana. Carmelo u Emilia Farrugia. Maria u Carmela Scalpello. Ġiuseppe u Ġiulia Borg. Vinċenza Ġiuseppe Anġelo u Franċesco Degiorgio. John Steer. Mary Farrugia. Alice Talkington. Caterina Galea. Verġinia u Manuele Mazzitelli.

TAS-SLIEMA (*Stella Maris*) Mejtin Familja Captur u Bizazza. Vittoria Ferdinando Carmelo u Agostino Ferrando Ricardo u Antonia Cassar. Alberto Marianna Carmelina Salamone. Carmela Vincenzo u Maddalena Lupi. Dun Euġenio u Ġiuseppina Lanzon. Grace u Lina Mangion. John Briffa.

TAS-SLIEMA (*San Girgor*). Ġiuseppe u Carmela Muscat. Vinċenza Agius Ġiovanna u Antonio Muscat. Temistocle u Rosina Bianchi. Mansueta u Sebastiano Azzopardi. Ġiovanni u Antonia Muscat. Josephine Dolores u Joe Spiteri.

ĦAL-TARXIEN. Maria u Calċedonio Mediċi.

MARSAXLOKK. Andrea u Maria Cassar. Carmelo u Maria Cafa. Saverio u Fortunata Cassar.

Ħ'ATTARD Joseph Abela. Filippa u Ġiovanni Vella. Conċetta u Salvu Said.

ĦAŻ-ŻABBAR. Marija u Franġiska Abela. Kristina u Lwiġi Barbara. Saverju u Ġużeppa Xerri. John u Marija Psaila. Orsola u Karmelo u Anna Caruana. Grezzju u Grezzja Bugeja. Ġdittau, Ġużeppi, Rożarja Vella. Ġużeppi u Tereża Gonzi. Antonio u Serafina Tonna.

ĦAŻ-ŻEBBUĠ. Lorenzo u Vinċenza Abela. Mathilde, Ġorġ u Suor Nerica Zammit. Filippo u Elizabeth Schembri. Carmelo, Ludcarda, Maria u Carmelo Borg. Pinu u Pina Cortis. Antonio, Marianna Gatt. Filippu u Ġuża Church.

SAN ĠILJAN. Sera u John Portanier. Manwel u Joe Busuttil. John u Saveria Zammit. Nino, Carmelo u Carmela Cuschieri. Ġużeppa, Giammaria u Nicola Schembri. Mary u Vassallo.

IL-MOSTA. Żarena Falzon. Maria Vella. Ġanni, Carmelo, Frenċ, Vittorio u Alessandru Vella. Carmelo, Andrea u Carmelo Farrugia. Saverio Ġużeppa Catarina u Maria Agius. Manwel, Carmelo u Franz Camilleri. Vincenzo u Ġuża Agius. Ġorġ u Victor Saliba. Matteo Vassallo. Filomena Camilleri. Catarina u Ġovanna Saliba. Franz Borg. Franz Mifsud. Ġużeppi Pace. Ġovanna u Giammaria Gatt. Serafina u Grezzju Sciberras. Angela u Ġużeppi Galea. Rożaria u Censu Gauci. Giuliu Borg u Maria Borg. Carmelo u Ruħ Abbandonata. Ġużeppi u Carmelo

Camilleri. Franz u Carmela Bugeja. Carmelo u Margarita Vella. Maria Ġużeppi u Lwiġi Pisani. Grazia Vella. Maria Fenceh. Anna u Carmelo Sciberras. Ġużi u Filomena u Carmela Abela. Ġużeppi u Maria Fenech.

ĦAL-TARXIEN. Manwel Pulis, Frank Privitera. Bernarda Ellul. Joseph Ellul.

RAĦAL ĠDID. Familja Cantar. Eliseo u Edgar Montebello. Ġużeppi Zammit, Attilio Borg. Laura Gatt. Francesco u Ġovanna Demajo. Albert Frendo. Aida Frendo. Edward Muscat. Edwin u Carmela Azzopardi. Carmelo u Lorenzo Zammit. Joseph Damato. Emin Damato.

ĦAL-QORMI. Carmela, Nicola u Ġużeppi Stivala. Paolo, Consolata u Ġorġ Darmanni; Mikiel, Catarin u Ġużeppi Stivala. Gaetano u Tereża Cassar. Carmela u Lwiġi Bonnici. Maria, Manwela u Vanġelista Zammit. Ġożanni Briffa. Ġużeppi Zahra. Ġużeppi Vella. Concetta, Carmleo u Carmela Zahra. Ġorġina, Censina u Pawlu Meylak. Lucy, Ġużeppi, Rożaria Grech. Ġorġ Sammut. Carmela u Ġużeppi Farurgia. Carmelo, Salvu u Carmela Catania. Michele, Carmela u Marianna Grech. Angelo, Carmelo u Grezia Catania. Ġovanni u Ġużeppa Montebello.

IŻ-ŻEJTUN. Familja Caruana. Familja Cassar. Maria u Ġużeppi Vassallo. Gregorio u Catarina Galea. Ġuża u Antonio Baldacchino.

IŻ-ŻURRIEQ. Carmela u Carmelo Caruana. Ġovanni Bugeja. Dun Alwiġ Magri. Carmelo u Marta Camilleri. Catarina u Battista Caruana. Salvu u Pawla Griscti. Maddalena Bugeja. Ġużeppi Barbara. Pawlu Cachia. Filippo Bonnici, Ġovanna, Frnaz, Nazju, Carmelo, Gaetano u Catarina Camilleri. Franz u Carmela Bonnici. Lorenzo, Cetta u Salvu Zammit.

ĦAL-LUQA. Tommaso u Tereża Falzon. Maria Vella. Ġużeppi u Carmela Schembri. Carmelo u Rożina Cassar. Teresa Sciberras. Nina Vella. Ġorġ, Cettina u Pawlu Camilleri. Catarina Camilleri.

IL-ĦAMRUN. Fortunata, Giustino, Elizabeth Spiteri. Pawlu Axzopardi, Carmelo, Ġerardu, Rożina Spangiol. Antonia u Carmela Falzon. Manwel u Gaetana Mifsud. Ġanpatist u Ġużeppina Schembri. Ġovanni, Cettina u Carmela Sciberras. John, Reġina, Pawlu u Bertu Aquilina. Ġuża Manwel, Franz, Berta u Vittoria Micallef. Carmelo, Annie, Mario, Ġużeppi Mercieca. Ġużi u Ġuża Schembri. Ġużeppa, Maria, John u Ġużeppi Piscopo. Pawul u Carmela Sant. Domenico Azzopardi. Ġorża u Ġużeppi Portelli, Margerita, Ġużeppi u Carmelo Dingli. Carmelo u Rożina Buhagiar.

SAN PAUL IL-BAĦAR. Saverio u Maria Sant. Ġiovanni u Carmela Pace. Joseph u Maria Assunta Zahra. Paolo u Ġiusa Enriquez. Ġużi u Carmela Testa. Michele Elena Ġużi John u Toninu Gatt. Vinċenzo u Ġiuseppa Mifsud Bonniċi. Paolo u Maria Cassar. Ġiuseppe Borg Margherita Taylor. Elisa Ignazio Imbroll. Ġiovanna Sammut. Ġiużi u Ġiovanna Gauci. Ġiovanna Muscat. Vitor Muscat. Anġelo Marianna Gauci. Anġelo Catania. Teresa u Ġiola Vassallo Ġioacchino Micallef.

IN-NADUR (Għawdex). Salvu, Maria, Carmelo u Carmela Caruana. Zolla Bajada. Maria u Pawlu Vella. Carmela, Franġisku u Pawlina Theuma. Michele Vella. Maria u Zolla Bartolo.

*Min-naħa tagħna niżguraw lil qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem millquddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.*